PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2013/0157(COD)**

4.12.2013

# EMENDI
# 85 - 299

**Abbozz ta' rapport**
**Knut Fleckenstein**
(PE521.596v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet

Proposta għal regolament
(COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD))



*Magħquda fid-diversità*

AM_Com_LegReport

**Emenda 85**
**Sabine Wils, Keith Taylor**
**Proposta għal regolament**
**–**

*Proposta għal regolament*

***Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Ma hemmx ħtieġa għal dan ir-Regolament. Fl-istudju ta' Portius, 80 % ta' dawk li ġew mistoqsija wieġbu li huma kuntenti bl-aċċess li għandhom għas-servizzi portwali għas-suq. Il-Kummissjoni tal-UE tipprova tkompli l-Port Packages I&II, sabiex, fost l-oħrajn, tillimita d-drittijiet tal-impjegati u tidderegola l-istandards soċjali. Qiegħda ssir referenza għal Direttiva ta' konċessjoni, li madankollu sa issa la hija deċiża u lanqas hija magħrufa testwalment. Anke l-prinċipju ta' sussidjarjetà qiegħed jiġi miksur b'mod sinifikanti.*

**Emenda 86**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada, Jarosław Leszek Wałęsa**
**Proposta għal regolament**
**–**

*Proposta għal ċaħda*

***Il-Parlament Ewropew jiċħad il-mozzjoni għal riżoluzzjoni.***

Or. pl

**Emenda 87**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**–**

*Proposal for a rejection*

***Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.***

Or. en

**Emenda 88**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**
Proposta għal regolament
Titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| ***REGOLAMENT*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U ***TAL-KUNSILL*** | ***DIRETTIVA*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U ***TAL- KUNSILL*** |
| li ***jistabbilixxi*** qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet | li ***tistabbilixxi*** qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet |
| (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | (Test b'relevanza għaż-ŻEE) |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba d-disparità ekonomika tal-portijiet fl-Ewropa, għandha tiġi permessa ċerta flessibilità fl-approċċ Ewropew bejn il-portijiet tat-TEN-T. F'dan is-sens, direttiva tidher iktar xierqa minn regolament.*

*Din l-emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ emendi korrispondenti fit-test kollu.*

**Emenda 89**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| ***REGOLAMENT*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | ***DIRETTIVA*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| li ***jistabbilixxi*** qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet | li ***tistabbilixxi*** qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet |
| (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | (Test b'relevanza għaż-ŻEE) |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tapplika għat-test kollu. Jekk tiġi adottata jkun jeħtieg li jsiru bidliet korrispondenti fit-test kollu.*

**Emenda 90**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Title 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| ***REGOLAMENT*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | ***DIRETTIVA*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| li ***jistabbilixxi*** qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet | li ***tistabbilixxi*** qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet |
| (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | (Test b'relevanza għaż-ŻEE) |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-Emenda tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha tkun teħtieġ tibdiliet korrispondenti fit-test kollu.*

**Emenda 91**
**Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| ***REGOLAMENT*** TAL-PARLAMENT EWROPEW ***U*** TAL-KUNSILL | ***DIRETTIVA*** TAL-PARLAMENT EWROPEW ***U*** TAL-KUNSILL |
| li ***jistabbilixxi*** qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet | li ***tistabbilixxi*** qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet |

| | |
|---|---|
| (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | (Test b'relevanza għaż-ŻEE) |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tapplika għat-test kollu. Sabiex din tiġi adottata huma meħtieġa bidliet korrispondenti f'kull parti.*

**Emenda 92**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| ***REGOLAMENT*** TAL-PARLAMENT EWROPEW ***U*** TAL-KUNSILL | ***DIRETTIVA*** TAL-PARLAMENT EWROPEW ***U*** TAL-KUNSILL |
| li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet | li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq għas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet |
| (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | (Test b'relevanza għaż-ŻEE) |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk il-maġġoranza tal-Kumitat tat-Trasport u tal-plenarja tħoss li f'dan il-waqt hija meħtieġa regolamentazzjoni, f'dak il-każ il-forma tar-Regolament mhijiex adattata biex tiżgura konsistenza mal-kundizzjonijiet diversi fil-portijiet marittimi Ewropej. Direttiva tkun il-forma adattata biex tirrispetta l-kundizzjonijiet nazzjonali diversi.*

*Din l-emenda tapplika għat-test sħiħ. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ li jsiru bidliet korrispondenti fit-test kollu.*

**Emenda 93**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***L-integrazzjoni sħiħa tal-portijiet fi*** | (1) ***Is-servizzi*** portwarji moderni |

***ktajjen tat-trasport u loġistiċi fit-totalità tagħhom hija meħtieġa biex tikkontribwixxi għal tkabbir kif ukoll użu u funzjonament aktar effiċjenti tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u s-suq intern. Dan jeħtieġ servizzi*** portwarji moderni ***li*** jikkontribwixxu għal użu effiċjenti tal-portijiet ***u*** klima favorevoli ***għall-investimenti*** biex jiġu żviluppati ***l-portijiet*** b'konformità mar-rekwiżiti attwali u tal-ġejjieni fit-trasport u l-loġistika.

***għandhom*** jikkontribwixxu għal użu ***aktar*** effiċjenti tal-portijiet, klima favorevoli biex jiġu żviluppati ***l-investimenti portwarji*** b'konformità mar-rekwiżiti attwali u tal-ġejjieni fit-trasport u l-loġistika ***u interkonnessjoni aħjar man-netwerks trans-Ewropej tat-trasport ferrovjarju***. ***Qafas finanzjarju għal trasparenza finanzjarja għandha sservi ta' bażi għat-tkabbir tal-kooperazzjonijiet u l-koordinazzjonijiet transkonfinali bejn il-portijiet fir-rigward tal-ippjanar tal-kapaċitajiet ta' infrastruttura u ġestjoni.***

Or. fr

**Emenda 94**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-integrazzjoni sħiħa tal-portijiet fi ktajjen tat-trasport u loġistiċi fit-totalità tagħhom hija meħtieġa biex tikkontribwixxi għal tkabbir kif ukoll użu u funzjonament aktar effiċjenti tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport ***u s-suq intern***. Dan jeħtieġ servizzi portwarji moderni li jikkontribwixxu għal użu effiċjenti tal-portijiet u klima favorevoli għall-investimenti biex jiġu żviluppati l-portijiet b'konformità mar-rekwiżiti attwali u tal-ġejjieni fit-trasport u l-loġistika. | (1) L-integrazzjoni sħiħa tal-portijiet fi ktajjen tat-trasport u loġistiċi fit-totalità tagħhom hija meħtieġa biex tikkontribwixxi għal tkabbir kif ukoll użu u funzjonament aktar effiċjenti tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Dan jeħtieġ servizzi portwarji moderni li jikkontribwixxu għal użu effiċjenti tal-portijiet u klima favorevoli għall-investimenti biex jiġu żviluppati l-portijiet b'konformità mar-rekwiżiti attwali u tal-ġejjieni fit-trasport u l-loġistika.<br>***L-istandards soċjali ta' dawk impjegati fil-portijiet marittimi Ewropej se jinżammu fil-firxa sħiħa tagħhom u mhumiex se jkunu kkontestati permezz ta' dan ir-Regolament. Id-dritt għall-istrajk ukoll ma jistax ikun limitat permezz ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni tal-UE ssemmi li bħalissa hemm 110 000 ħaddiem tal-portijiet impjegati. Dawn jiżguraw l-operabbiltà tal-portijiet marittimi Ewropej. Il-Port Packages I&II kienu mmirati biex jiddeterjoraw l-istandards soċjali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati. Anke l-abbozz ippreżentat hawnhekk jinkludi formulazzjonijiet għal-limitazzjoni tad-dritt għall-istrajk. Għalhekk huwa importanti biex is-suppliment propost ikun miżjud mal-Premessa 1.*

**Emenda 95**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Huwa essenzjali li l-kumplessitajiet ta' proċeduri amministrattivi għall-approvazzjoni doganali jiġu ttrattati b'kunsiderazzjoni li dawn huma ostakli kbar għall-kompetittività ta' tbaħħir fuq distanza qasira.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bħal fil-każ tal-konċessjonijiet tad-direttiva, jidher xieraq li ssir referenza għal dan il-protokoll.*

**Emenda 96**
**Georges Bach**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċja s-settur tat-trasport marittimu, huwa essenzjali li l-azzjonijiet biex jitjiebu l-proċeduri amministrattivi u doganali fil-portijiet stabbiliti mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Portijiet: magna għat-tkabbir" jiġu implimentati flimkien ma' dan ir-Regolament. Il-kumplessità ta' proċeduri amministrattivi għall-*** |

***approvazzjoni doganali, li jirriżultaw f'dewmien fil-portijiet, toħloq ostaklu kbir għall-kompetittività tat-tbaħħir fuq distanza qasira u l-effiċjenza tal-portijiet tal-Unjoni.***

Or. en

**Emenda 97**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-Protokoll Nru 26 dwar is-servizzi ta' interess ġenerali, u b'mod aktar partikolari l-Artikolu 2 tiegħu, jistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet tat-trattati ma jagħmlu l-ebda ħsara għall-kompetenza tal-Istati Membri li jipprovdu, iwettqu u jorganizzaw servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-istess bħall-każ tad-Direttiva dwar il-Konċessjonijiet, ikun xieraq li ssir referenza għal dan il-Protokoll.*

**Emenda 98**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Il-Kummissjoni għandha tipproponi kunċett transkonfinali fil-qafas tal-Awtostradi tal-Baħar sabiex tkun tista' tiżviluppa l-portijiet fir-reġjuni tal-fruntieri, partikolarment fil-Mediterran, fil-Baħar l-Iswed, fl-Atlantiku u fil-Baħar Baltiku sabiex jiġu implimentati servizzi*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***portwarji adegwati fir-rigward tad-distanza tal-flussi ta' merkanzija bejn il-port tat-tluq u l-port tal-wasla, biex b'hekk jikkontribwixxu għal tnaqqis fit-tniġġis u fil-ħsejjes fastidjużi tat-trasport tal-art.*** |

Or. fr

**Emenda 99**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-portijiet jistgħu jikkontribwixxu għall-kompetittività fit-tul tal-industriji Ewropej fis-swieq dinjin filwaqt li jiżdiedu l-valur u l-impjiegi fir-reġjuni kostali kollha tal-UE. Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċja s-settur tat-trasport marittimu, bħall-ineffiċjenzi fil-katina tat-trasport sostenibbli u l-loġistika, huwa essenzjali li l-azzjonijiet stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Portijiet: magna għat-tkabbir" jiġu implimentati flimkien ma' dan ir-Regolament. Il-kumplessità ta' proċeduri amministrattivi għall-approvazzjoni doganali, li jirriżultaw f'dewmien fil-portijiet, toħloq ostaklu kbir għall-kompetittività tat-tbaħħir fuq distanza qasira u l-effiċjenza tal-portijiet tal-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 100**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Livell għoli ta' simplifikazzjoni tal-*** |

***proċeduri doganali jista' jirrappreżenta vantaġġ ekonomiku kbir għal port f'termini ta' kompetittività. Sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta tal-portijiet u jitnaqqsu l-formalitajiet doganali li jistgħu jkunu ta' dannu serju għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-port għandhom jinkludu approċċ ta' politika xieraq u effettiv ibbażat fuq ir-riskju sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni. Dawn il-proċeduri għandhom jiġu mmonitorjati b'mod regolari mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tevalwa l-ħtieġa li tieħu miżuri xierqa biex tiġġieled il-kompetizzjoni inġusta.***

Or. en

**Emenda 101**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Filwaqt li trasparenza finanzjarja akbar hija indispensabbli f'portijiet iffinanzjati pubblikament, hemm limitu għal-livell ta' trasparenza meħtieġ għal portijiet iffinanzjati privatament peress li diġà huma koperti mir-regoli dwar il-kompetizzjoni tal-UE.*** |

Or. en

**Emenda 102**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 1c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) Il-maniġers tal-port għandhom jorganizzaw djalogu mal-klijenti u għalhekk, m'hemmx ħtieġa għal korp ta'*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***sorveljanza indipendenti, li jirriskja li jkun burokratiku żżejjed.*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Fil-Komunikazzjoni dwar l-Att dwar is-Suq Uniku II Flimkien għal tkabbir ġdid[6], il-Kummissjoni fakkret li l-attraenza tat-trasport marittimu tiddependi fuq id-disponibbiltà, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tas-servizzi portwarji u l-ħtieġa li jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar it-trasparenza ***tal-finanzajment*** pubbliku u n-nollijiet tal-port, l-isforzi ta' simplifikazzjoni amministrattiva fil-portijiet ***u r-reviżjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-forniment tas-servizzi fil-portijiet***. | (2) Fil-Komunikazzjoni dwar l-Att dwar is-Suq Uniku II Flimkien għal tkabbir ġdid[6], il-Kummissjoni fakkret li l-attraenza tat-trasport marittimu tiddependi fuq id-disponibbiltà, l-effiċjenza u l-affidabbiltà tas-servizzi portwarji u l-ħtieġa li jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar it-trasparenza ***tal-finanzjament*** pubbliku u n-nollijiet tal-port, l-isforzi ta' simplifikazzjoni amministrattiva fil-portijiet. |
| [6] ***COM***(2012) 573 finali (3.10.2012) | [6] ***KUMM***(2012) 573 finali (3.10.2012) |

Or. de

**Emenda 104**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) It-tħaffif tal-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji fil-livell tal-Unjoni u l-introduzzjoni tat-trasparenza finanzjarja u l-awtonomija tal-portijiet marittimi ser itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz ipprovdut lill-utenti tal-port u jikkontribwixxu għal klima aktar favorevoli għall-investimenti ***fi-portijiet***, u b'hekk jgħinu jnaqqsu l-ispejjeż għall- | (3) It-tħaffif tal-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji fil-livell tal-Unjoni u l-introduzzjoni tat-trasparenza finanzjarja u l-awtonomija tal-portijiet marittimi ***ffinanzjati pubblikament*** ser itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz ipprovdut lill-utenti tal-port u jikkontribwixxu għal klima aktar favorevoli għall-investimenti ***fil-portijiet***, u b'hekk jgħinu jnaqqsu l- |

| | |
|---|---|
| utenti tat-trasport u jikkontribwixxu biex jiġu promossi tbaħħir fuq distanza qasira u integrazzjoni aħjar tat-trasport marittimu mat-trasport bil-ferrovija, fuq il-passaġġi interni u bit-triq. | ispejjeż għall-utenti tat-trasport u jikkontribwixxu biex jiġu promossi tbaħħir fuq distanza qasira u integrazzjoni aħjar tat-trasport marittimu mat-trasport bil-ferrovija, fuq il-passaġġi interni u bit-triq. |

Or. en

**Emenda 105**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) It-tħaffif tal-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji fil-livell tal-Unjoni u l-introduzzjoni tat-trasparenza finanzjarja u l-awtonomija tal-portijiet marittimi ser itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz ipprovdut lill-utenti tal-port u jikkontribwixxu għal klima aktar favorevoli għall-investimenti ***fi-portijiet***, u b'hekk jgħinu jnaqqsu l-ispejjeż għall-utenti tat-trasport u jikkontribwixxu biex jiġu promossi tbaħħir fuq distanza qasira u integrazzjoni aħjar tat-trasport marittimu mat-trasport bil-ferrovija, fuq il-passaġġi interni u bit-triq. | (3) It-tħaffif tal-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji fil-livell tal-Unjoni u l-introduzzjoni tat-trasparenza finanzjarja u l-awtonomija tal-portijiet marittimi ser itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz ipprovdut lill-utenti tal-port u jikkontribwixxu għal klima aktar favorevoli għall-investimenti ***fil-portijiet***, u b'hekk jgħinu jnaqqsu l-ispejjeż għall-utenti tat-trasport u jikkontribwixxu biex jiġu promossi tbaħħir fuq distanza qasira u integrazzjoni aħjar tat-trasport marittimu mat-trasport bil-ferrovija, fuq il-passaġġi interni u bit-triq. ***Dawn għandhom ukoll jippermettu li jitneħħew l-ostakli persistenti għat-trasport marittimu intra-Komunitarju, li huma ostakli għall-ħolqien ta' suq intern ġenwin tat-trasport marittimu.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-objettiv li jinħoloq suq intern ġenwin tat-trasport marittimu jiltaqa' ma' bosta ostakli persistenti fir-rotot marittimi intra-Komunitarji. It-tneħħija ta' dawn l-ostakli doganali, amministrattivi u tekniċi għandha tkun fost l-objettivi prijoritarji tal-Kummissjoni, li mingħajrha din tkun falliment għall-istrateġija tagħha.*

**Emenda 106**
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) It-tħaffif tal-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji fil-livell tal-Unjoni u l-introduzzjoni tat-trasparenza finanzjarja ***u l-awtonomija*** tal-portijiet marittimi ser itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz ipprovdut lill-utenti tal-port u jikkontribwixxu għal klima aktar favorevoli għall-investimenti ***fi-portijiet***, u b'hekk jgħinu jnaqqsu l-ispejjeż għall-utenti tat-trasport u jikkontribwixxu biex jiġu promossi tbaħħir fuq distanza qasira u integrazzjoni aħjar tat-trasport marittimu mat-trasport bil-ferrovija, fuq il-passaġġi interni u bit-triq. | (3) It-tħaffif tal-aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji fil-livell tal-Unjoni u l-introduzzjoni tat-trasparenza finanzjarja tal-portijiet marittimi ser itejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz ipprovdut lill-utenti tal-port u jikkontribwixxu għal klima aktar favorevoli għall-investimenti ***fil-portijiet***, u b'hekk jgħinu jnaqqsu l-ispejjeż għall-utenti tat-trasport u jikkontribwixxu biex jiġu promossi tbaħħir fuq distanza qasira u integrazzjoni aħjar tat-trasport marittimu mat-trasport bil-ferrovija, fuq il-passaġġi interni u bit-triq. |

Or. es

**Emenda 107**
**Mara Bizzotto**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fl-interess ta' trasparenza finanzjarja akbar, garantita minn konjugazzjoni eqreb bejn il-modalitajiet ta' ġbir tar-riżorsi u taċ-ċentri tal-infiq, l-entità tal-ġestjoni tal-port għandu jkollha s-setgħa li jkollha riżorsi proprji sabiex issibhom abbażi tal-volum tat-traffiku prodott mill-port innifsu. Ir-riżorsi proprji huma meqjusin bħala l-kwoti tad-dħul mit-taxxa ġġenerat mill-attività tat-traffiki kummerċjali żviluppati fihom, minbarra d-dħul tipiku tal-prattiki tal-port. Previżjoni bħal din issaħħaħ il-prinċipju Ewropew tas-sussidjarjetà u tillimita wkoll id-distribuzzjoni tar-riżorsi governattivi li kultant jistgħu jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat.*** |

Or. it

**Emenda 108**
**Luis de Grandes Pascual**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-maġġoranza assoluta tat-traffiku marittimu tal-Unjoni jgħaddi mill-portijiet marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Biex jinkiseb l-għan ta' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mingħajr ma tiġi imposta xi regola żejda fuq portijiet oħrajn, dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, li kull wieħed minnhom għandu rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport jew għaliex minnu jgħaddu aktar minn 0.1% tal-merkanzija totali tal-UE jew in-numru totali ta' passiġġieri jew għaliex itejjeb l-aċċessibbiltà reġjonali ta' żoni ta' gżejjer jew dawk periferali, mingħajr ħsara, madankollu, għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet oħrajn ukoll. ***Servizzi ta' pilotaġġ imwettqa fil-baħar fond m'għandhomx impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-portijiet peress li dawn ma jintużawx għal dħul ħruġ dirett mill-portijiet u għalhekk ma jeħtiġux li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.*** | (4) Il-maġġoranza assoluta tat-traffiku marittimu tal-Unjoni jgħaddi mill-portijiet marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Biex jinkiseb l-għan ta' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mingħajr ma tiġi imposta xi regola żejda fuq portijiet oħrajn, dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, li kull wieħed minnhom għandu rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport jew għaliex minnu jgħaddu aktar minn 0.1% tal-merkanzija totali tal-UE jew in-numru totali ta' passiġġieri jew għaliex itejjeb l-aċċessibbiltà reġjonali ta' żoni ta' gżejjer jew dawk periferali, mingħajr ħsara, madankollu, għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet oħrajn ukoll. |

Or. es

**Emenda 109**
**Philip Bradbourn, Jacqueline Foster**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-maġġoranza assoluta tat-traffiku marittimu tal-Unjoni jgħaddi mill-portijiet | (4) Il-maġġoranza assoluta tat-traffiku marittimu tal-Unjoni jgħaddi mill-portijiet |

| | |
|---|---|
| marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Biex jinkiseb l-għan ta' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mingħajr ma tiġi imposta xi regola żejda fuq portijiet oħrajn, dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, li kull wieħed minnhom għandu rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport jew għaliex minnu jgħaddu aktar minn *0.1%* tal-merkanzija totali tal-UE jew in-numru totali ta' passiġġieri jew għaliex itejjeb l-aċċessibbiltà reġjonali ta' żoni ta' gżejjer jew dawk periferali, mingħajr ħsara, madankollu, għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet oħrajn ukoll. Servizzi ta' pilotaġġ imwettqa fil-baħar fond m'għandhomx impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-portijiet peress li dawn ma jintużawx għal dħul ħruġ dirett mill-portijiet u għalhekk ma jeħtiġux li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament. | marittimi tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Biex jinkiseb l-għan ta' dan ir-Regolament b'mod proporzjonat mingħajr ma tiġi imposta xi regola żejda fuq portijiet oħrajn, dan ir-Regolament għandu japplika ***biss*** għall-portijiet ***marittimi*** tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, li kull wieħed minnhom għandu rwol importanti għas-sistema Ewropea tat-trasport jew għaliex minnu jgħaddu aktar minn ***0.1 %*** tal-merkanzija totali tal-UE jew in-numru totali ta' passiġġieri jew għaliex itejjeb l-aċċessibbiltà reġjonali ta' żoni ta' gżejjer jew dawk periferali, mingħajr ħsara, madankollu, għall-possibbiltà li l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal portijiet oħrajn ukoll. ***L-applikazzjoni tiegħu għandha tkun limitata, fejn xieraq, għal dawk il-portijiet marittimi li jirċievu sussidju pubbliku sostanzjali.*** Servizzi ta' pilotaġġ imwettqa fil-baħar fond m'għandhomx impatt dirett fuq l-effiċjenza tal-portijiet peress li dawn ma jintużawx għal dħul ***u*** ħruġ dirett mill-portijiet u għalhekk ma jeħtiġux li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Meta l-portijiet ikunu qed jikkompetu f'suq liberu mingħajr ma jserrħu fuq sussidju,il-pressjonijiet kompetittivi huma biżżejjed biex jiżguraw li s-servizzi interportwarji jiġu akkwistati b'mod effiċjenti u li n-nollijiet għall-klijenti jkunu stabbiliti fuq bażi kummerċjali kompetittiva, soġġetta għal salvagwardji mil-liġi tal-kompetizzjoni normali.*

**Emenda 110**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) In-natura partikolari tal-organizzazzjoni u tal-missjonijiet imwettqin mill-korpi maniġerjali tal-port*** |

| | |
|---|---|
| | ***u d-diversità estrema tal-portijiet Ewropej jagħmlu kull approċċ ta' standardizzazzjoni impossibbli u mhux pertinenti ħafna fuq livell Komunitarju. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li tiġi rikonoxxuta l-kompetenza tal-Istati Membri sabiex jiddefinixxu l-modi ta' ġestjoni tal-portijiet tagħhom, filwaqt li jqisu b'mod xieraq l-ispeċifiċitajiet u l-karatteristiċi ta' kull port u tal-liġijiet nazzjonali fis-seħħ, mingħajr ma jkunu ta' ostaklu għar-rispett tar-regoli tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rispett tal-kompetizzjoni u tat-trasparenza finanzjarja.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-karattru kontestabbli tal-għażla ta' regolament, fir-rigward tal-bosta disparitajiet tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tipoloġiċi tal-portijiet u tal-liġijiet nazzjonali, jimponi li jitfakkar il-prinċipju li l-ġestjoni tal-portijiet bħalissa, u li għandha wkoll fil-futur, tieħu mill-kompetenza tal-Istati Membri. Din il-kompetenza nazzjonali, indispensabbli sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet lokali, mhijiex ikkunsidrata bħala ostaklu għar-rispett tar-regoli ta' kompetizzjoni u ta' trasparenza tat-Trattati.*

**Emenda 111**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Is-servizzi ta' pilotaġġ, irmonk u irmiġġ huma parti essenzjali tal-miżuri li jiżguraw tranżitu, munavrar u preżenza sikuri tal-bastimenti fil-portijiet, fl-interessi tal-utenti tas-servizzi, tal-komunità tal-port u tal-komunità lokali kollha. Dawn is-servizzi huma identifikati aħjar bħala servizzi tekniċi-nawtiċi, bil-karatteristika komuni tal-iżgurar tar-riżorsi umani professjonali u tagħmir adegwat għad-dispożizzjoni tal-utenti fl-aqwa kundizzjonijiet ekonomiċi. L-*** |

| | |
|---|---|
| | ***awtorità kompetenti għandha tiżgura b'mod partikolari n-navigazzjoni u l-irmiġġ sikuri tal-bastimenti fil-port u difiża f'każ ta' ħtieġa u/jew emerġenza.*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Is-servizzi ta' pilotaġġ, ta' trakkar u ta' rmonk huma servizzi tekniċi-nawtiċi li juru karatteristiċi ta' servizz pubbliku bħall-universalità u l-kontinwità tas-servizz, ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza mill-awtorità pubblika, u s-sodisfazzjon tar-rekwiżiti ta' interess pubbliku, bħas-sikurezza marittima u l-protezzjoni ambjentali. Dawn il-karatteristiċi jiġġustifikaw il-fatt li ċerti Stati Membri jistabbilixxu qafas legali speċifiku li jinkludi l-fornituri ta' dawn is-servizzi, u l-fatt li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu II ta' din id-Direttiva;*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva għandha tqis l-ispeċifiċitajiet tas-servizzi ta' pilotaġġ, ta' trakkar u ta' rmonk, partikolarment ir-rabta mill-qrib tagħhom mas-sikurezza u s-sigurtà marittimi u l-protezzjoni ambjentali.*

**Emenda 113**
**Tanja Fajon**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Il-fornituri kollha tas-servizzi portwarji għandhom dejjem, b'mod partikolari fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jaġixxu fl-interess pubbliku.*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Ivo Belet, Marianne Thyssen**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Skont il-Protokoll 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jaffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-servizzi koperti minnu bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali.*** |

Or. nl

**Emenda 115**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Is-servizzi ta' rmonk juru karatteristiċi ta' servizz pubbliku bħall-universalità u l-kontinwità tas-servizz, ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza mill-awtorità pubblika, u s-sodisfazzjon tar-rekwiżiti ta' interess pubbliku, bħas-sikurezza marittima u l-protezzjoni ambjentali. Dawn il-karatteristiċi ġew rikonoxxuti għas-servizzi ta' trakkar mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fis-Sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju 1998 Corsica*** |

*Ferries France (C-266/96);*

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva għandha tqis l-ispeċifiċitajiet tas-servizzi ta' trakkar, partikolarment il-karatteristiċi tagħhom ta' servizz pubbliku diġà rikonoxxuti mill-QĠUE.*

**Emenda 116**
**Ivo Belet, Marianne Thyssen**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(5b) Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-diversi mudelli ta' ġestjoni tal-port fl-Istati Membri, sakemm jirrispettaw ir-regoli dwar l-aċċess għas-suq u t-trasparenza finanzjarja, u japplika irrispettivament mid-diviżjoni tas-setgħat bejn il-gvern u l-korpi ta' ġestjoni tal-port fl-Istati Membri.*** |

Or. nl

**Emenda 117**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(5c) Minħabba r-rabta bejn is-servizzi tekniċi-nawtiċi u s-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni ambjentali marittima, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri tista' tipprovdi qafas regolatorju li jiddirieġi u jikkontrolla l-fornituri tas-servizz relatat, jikkoordina l-attività tagħhom u jadotta regoli speċifiċi dwar l-aċċess trasparenti u nondiskriminatorju għall-professjoni, l-organizzazzjoni u kif*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiġu offruti tali servizzi;*** |

Or. en

**Emenda 118**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew fornituri ta' servizzi portwarji biex jinħatar persunal tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforniment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex jiġu evitati impatti negattivi possibbli f'dawn l-oqsma. Għalhekk, ***jidher li hu*** xieraq li f'dan l-istadju din il-kwistjoni ***ma*** tiġi regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u titħalla f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-awtoforniment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu. Għalhekk, ir-Regolament għandu jkopri biss il-forniment ta' servizzi portwarji għal remunerazzjoni. | (6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew fornituri ta' servizzi portwarji biex jinħatar persunal tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforniment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex jiġu evitati impatti negattivi possibbli f'dawn l-oqsma. Għalhekk, ***mhuwiex*** xieraq li f'dan l-istadju din il-kwistjoni tiġi regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u***, għalissa, għandha*** titħalla f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-awtoforniment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu. Għalhekk, ir-Regolament għandu jkopri biss il-forniment ta' servizzi portwarji għal remunerazzjoni. |

Or. en

**Emenda 119**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew fornituri ta' | (6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew fornituri ta' |

servizzi portwarji biex jinħatar persunal tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforniment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex jiġu evitati impatti negattivi possibbli f'dawn l-oqsma. Għalhekk, ***jidher li hu*** xieraq li ***f'dan l-istadju*** din il-kwistjoni ***ma*** tiġi regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u titħalla f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-awtoforniment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu. ***Għalhekk, ir-Regolament għandu jkopri biss il-forniment ta' servizzi portwarji għal remunerazzjoni.***

servizzi portwarji biex jinħatar persunal tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforniment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex jiġu evitati impatti negattivi possibbli f'dawn l-oqsma. Għalhekk, ***mhuwiex*** xieraq li din il-kwistjoni tiġi regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u ***għandha minflok*** titħalla f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-awtoforniment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu.

Or. en

**Emenda 120**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew fornituri ta' servizzi portwarji biex jinħatar persunal tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforniment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex ***jiġu evitati impatti negattivi possibbli*** f'dawn l-oqsma. Għalhekk, jidher li hu xieraq li ***f'dan l-istadju*** din il-

*Emenda*

(6) L-awtoforniment ta' servizz li jinvolvi kumpaniji tat-tbaħħir jew fornituri ta' servizzi portwarji biex jinħatar persunal tal-għażla tagħhom u biex jipprovdu lilhom infushom servizzi portwarji huwa rregolat f'għadd ta' Stati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza jew soċjali. Il-partijiet interessati kkonsultati mill-Kummissjoni waqt li kienet qed tħejji l-proposta tagħha saħqu li l-impożizzjoni ta' kwota ġeneralizzata tal-awtoforniment ta' servizz fil-livell tal-Unjoni tkun teħtieġ aktar regoli fuq kwistjonijiet ta' sikurezza u kwistjonijiet soċjali sabiex ***jiġi evitat kull effett negattiv*** f'dawn l-oqsma. Għalhekk, jidher li hu xieraq li din il-kwistjoni ma ***tiġix***

| | |
|---|---|
| kwistjoni ma ***tiġi*** regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u ***titħalla f'idejn l-Istati*** Membri biex jirregolaw l-awtoforniment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu. Għalhekk, ir-Regolament għandu jkopri biss il-forniment ta' servizzi portwarji għal remunerazzjoni. | regolarizzata fil-livell tal-Unjoni u ***jiġu affermati mill-ġdid il-kompetenza u r-responsabbiltà tal-Istati*** Membri biex ***jeżaminaw l-opportunità li*** jirregolaw l-awtoforniment tas-servizzi tal-portijiet jekk iridu. Għalhekk, ir-Regolament għandu jkopri biss il-forniment ta' servizzi portwarji għal remunerazzjoni. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Test aktar eżatt tal-verżjoni Franċiża.*

**Emenda 121**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Skont il-Protokoll 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament bl-ebda mod ma jaffettwaw il-kompetenza tal-Istati Membri li jipprovdu jew li jorganizzaw is-servizzi koperti minnu bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali. B'konsegwenza, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti jżommu s-setgħa li jorganizzaw dawn l-attivitajiet u servizzi fuq linji ekonomiċi jew mhux ekonomiċi.*** |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*See the agreement reached in the trilogue on the award of concession contracts (quote):"This Directive recognises and reaffirms the right of Member States and public authorities to decide the means of administration they judge to be most appropriate for performing works and providing services. In particular, this Directive should not in any way affect the freedom of Member States and public authorities to perform works or provide services directly to the*

*public (or) to outsource such provision by delegating it to third parties. Member States or public authorities should remain free to define and specify the characteristics of the services to be provided, including any conditions regarding the quality or price of the services, in accordance with Union law, in order to pursue their public policy objectives.It should be recalled that Member States are free to decide, in compliance with the Treaty principles of equal treatment, non-discrimination, transparency and the free movement of persons to organize the provision of services either as services of general economic interest or as non-economic services of general interest or as a mixture thereof. It should equally be recalled that this Directive is without prejudice to the freedom of national, regional and local authorities to define, in conformity with Union law, services of general economic interest, their scope and the characteristics of the service to be provided, including any conditions regarding the quality of the service, in order to pursue its public policy objectives. It should also be without prejudice to the power of national, regional and local authorities to provide, commission and finance services of general economic interest in accordance with Article 14 TFEU and Protocol No 26 annexed to the Treaties. [...] It is appropriate to clarify that non-economic services of general interest should not fall within the scope of this Directive."*

**Emenda 122**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 6b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) Dan ir-Regolament ma jimponix mudell speċifiku ta' ġestjoni ta' port li jassenja status speċifiku, rwol jew missjoni għall-korp ta' ġestjoni ta' port. Sakemm ir-regoli marbuta mal-aċċess għas-suq u t-trasparenza jiġu rispettati, jistgħu jinżammu l-mudelli eżistenti ta' ġestjoni tal-port stabbiliti fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri, inklużi arranġamenti li taħthom id-drittijiet u responsabbiltajiet ta' ġestjoni ta' port jiġu delegati lil awtoritajiet (oħra) responsabbli għas-salvagwardjar tal-interessi pubbliċi f'dan ir-rigward.*** |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament għandu jkun newtrali fir-rigward tal-mudelli ta' ġestjoni differenti, kemm jekk organizzati pubblikament jew privatament, ċentralizzati jew deċentralizzati jew b'iżjed jew*

*inqas setgħat delegati. F'ċerti Stati Membri, dispożizzjonijiet dettaljati ta' qafas regolatorju huma inkorporati f'leġiżlazzjoni nazzjonali jew reġjonali speċifika. Dan huwa marbut mhux biss ma' korpi ta' ġestjoni li jaġixxu bħala operaturi kummerċjali (purament) iżda wkoll mal-ġestjoni tal-port iffukata fuq l-interess ġenerali u l-valur miżjud għal reġjun usa'.*

**Emenda 123**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 6c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6c) Taħt ċerti mudelli tal-ġestjoni tal-port, il-korpi tal-ġestjoni tal-port huma assenjati drittijiet u responsabbiltajiet (speċifiċi) bħala l-awtorità kompetenti. Ir-Regolament japplika irrispettivament minn jekk l-awtorità kompetenti hijiex l-Istat Membru nnifsu jew korp ta' ġestjoni tal-port awtorizzat li jaġixxi f'din il-kapaċità.*** |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-Artikolu 8(3) tal-Proposta għal regolament, il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-possibbiltà li l-awtorità kompetenti (imsemmija fid-diversi taqsimiet tat-test) tista' tkun korp ta' ġestjoni ta' port, filwaqt li Artikoli oħra joħolqu konfużjoni f'dan ir-rigward. Din hija r-raġuni għal kjarifika espliċita fil-preambolu.*

**Emenda 124**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu ***limitati għal sett definit*** b'mod ċar ***ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki*** | (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu ***definiti*** b'mod ċar ***fir-rigward fost l-oħrajn tal-kwalifiki*** professjonali tal-operaturi, inkluż |

professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, ***u fuq*** it-tagħmir meħtieġ diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju.

f'termini ta' taħriġ, it-tagħmir meħtieġ***, id-disponibbiltà tas-servizz, il-konformità tar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew dwar is-sigurtà u s-sikurezza tal-port jew ta' wieħed mill-aċċessi tiegħu, il-faċilitajiet tiegħu, it-tagħmir tiegħu, il-persunal tiegħu, kif ukoll ir-rispett ta' rekwiżiti ambjentali,*** diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju.

Or. en

**Emenda 125**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' ***jitlob li l-fornituri*** tas-servizzi portwarji ***juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti*** minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ***ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq*** il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, ***u fuq*** it-tagħmir meħtieġ ***diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju***. | (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' ***jimponi fuq il-fornituri*** tas-servizzi portwarji ***rekwiżiti*** minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ***jinkludu, fost oħrajn,*** il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ ***kif ukoll ir-rispett tal-ftehimiet kollettivi u tal-istandards soċjali nazzjonali applikabbli għas-servizz ikkonċernat***, it-tagħmir meħtieġ***, ir-rispett tar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima, tas-sigurtà tal-port u tar-rekwiżiti ambjentali***. |

Or. fr

**Emenda 126**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, u fuq it-tagħmir meħtieġ diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju. | (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura***, soċjali*** u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri ***kif ukoll s-sottokuntratturi nkarigati*** tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, u fuq it-tagħmir meħtieġ diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju. |
| | ***L-attività tal-fornituri tista' titwettaq biss taħt ħarsien tad-dispożizzjonijiet ta' sigurtà kollha, ir-regolamenti ambjentali u f'konformità mal-applikazzjoni tar-regoli u ftehimiet kuntrattwali u tariffarji kollha.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Skont il-Kummissjoni tal-UE, fil-portijiet marittimi Ewropej huma impjegati 110 000 persuna. Dan in-numru kapaċi jkun ogħla fil-verità. Huwa essenzjali li l-korp maniġerjali responsabbli tal-port jikkontrolla wkoll il-konformità mal-istandards soċjali kif ukoll jimplimenta r-regolamenti ta' sigurtà u ambjentali.*

**Emenda 127**
**Brian Simpson**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura ***u*** favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex | (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura***,*** favur l-ambjent ***u s-soċjetà***, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti |

| | |
|---|---|
| iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, ***u fuq*** it-tagħmir meħtieġ ***diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment*** tas-servizz portwarju. | minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, it-tagħmir meħtieġ ***sabiex jiġi pprovdut is-servizz portwarju relevanti, il-konformità mas-sikurezza u s-sigurtà marittima tal-port, ir-rispett tar-rekwiżiti ambjentali lokali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali, u r-reputazzjoni tajba tal-fornitur*** tas-servizz portwarju ***fir-rigward tal-applikazzjoni tal-istandards soċjali li jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza tal-impjegati u jirrispettaw id-drittijiet tax-xogħol tagħhom***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Flimkien mal-kwalifiki professjonali, it-tagħmir, is-sikurezza marittima u t-tħassib ambjentali, ir-reputazzjoni tajba fir-rigward tar-rispett tal-istandards soċjali wkoll għandu jkollha rwol meta jintgħażlu l-fornituri tas-servizzi.*

**Emenda 128**
**Georges Bach**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, u ***fuq it-tagħmir*** meħtieġ ***diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju***. | (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent ***u s-soċjetà***, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji***, inklużi s-sottokuntratturi,*** juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, u ***t-tagħmir*** meħtieġ***, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza marittima, ir-rispett tar-rekwiżiti*** |

| | |
|---|---|
| | ***ambjentali, ir-rispett tal-fornitur fir-rigward tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol, inkluża l-applikazzjoni tal-liġijiet u l-ftehimiet għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-impjegati*.** |

Or. en

**Emenda 129**
**Jutta Steinruck**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, ***u fuq*** it-tagħmir meħtieġ ***diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju***. | (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent ***u s-soċjetà***, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji***, inklużi s-sottokuntratturi,*** juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, it-tagħmir meħtieġ ***biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju relevanti, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza marittima, ir-rispett tar-rekwiżiti ambjentali, ir-reputazzjoni tajba tal-fornitur fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol, inkluża l-applikazzjoni tal-liġijiet u l-ftehimiet għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza u għall-protezzjoni tal-impjegati***. |

Or. en

**Emenda 130**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, ***il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri*** tas-servizzi portwarji ***juru*** li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu ***s-servizz*** b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, ***inkluż f'termini ta' taħriġ, u fuq*** it-tagħmir meħtieġ ***diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju***. | (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, ***il-fornituri*** tas-servizzi portwarji ***għandhom jiżguraw*** li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu ***s-servizzi*** b'mod xieraq. Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, it-tagħmir meħtieġ ***sabiex jiġi fornut is-servizz tal-port relevanti u l-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza marittima***. ***Dawn il-kundizzjonijiet għandhom iqisu r-rekwiżiti ambjentali kif ukoll l-istandards soċjali nazzjonali.***<br>***Dawn ir-rekwiżiti minimi, li jinkludu standards ambjentali u soċjali, għandhom jiġu deċiżi fil-livell nazzjonali u vverifikati f'kull port mill-korp maniġerjali relevanti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sikurezza marittima u l-kwistjonijiet ambjentali ma jistgħux jitqiesu bħala ġustifikazzjoni tal-organizzazzjoni tas-servizzi portwarji nfushom. Ir-regoli tas-sikurezza u l-ambjent għandhom jiġu żgurati irrispettivament mill-organizzazzjoni tas-servizzi portwarji. Ir-rekwiżiti minimi tas-servizzi kollha għandhom jiġu definiti fil-livell nazzjonali biex jiġu evitati applikazzjonijiet differenti jew inġusti.*

**Emenda 131**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir- | (7) Fl-interess ta' ġestjoni tal-port effiċjenti, sikura u favur l-ambjent, il-korp maniġerjali tal-port għandu jkun jista' jitlob li l-fornituri tas-servizzi portwarji juru li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz b'mod xieraq. Dawk ir- |

| | |
|---|---|
| rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, u fuq it-tagħmir meħtieġ ***diment li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u relevanti għall-forniment tas-servizz portwarju***. | rekwiżiti minimi għandhom ikunu limitati għal sett definit b'mod ċar ta' kundizzjonijiet fuq il-kwalifiki professjonali tal-operaturi, inkluż f'termini ta' taħriġ, u fuq it-tagħmir meħtieġ ***sabiex jiġu provduti servizzi portwarji ta' kwalità u kontinwi, u r-rispett tar-rekwiżiti dwar is-sigurtà u s-sikurezza marittimi. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom iqisu wkoll ir-rekwiżiti ambjentali, kif ukoll l-istandards soċjali nazzjonali.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rispett tar-rekwiżiti minimi mhuwiex fakultattiv jew sekondarju, iżda għandu jkun prerekwiżit indispensabbli għall-provvista ta' servizz portwarju. L-iżgurar tal-kontinwità u tal-kwalità tas-servizzi portwarji jikkompleta l-emenda tar-rapporteur.*

**Emenda 132**
**Knut Fleckenstein, Saïd El Khadraoui, Kathleen Van Brempt**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Kull fornitur tas-servizz u b'mod speċjali min jidħol ġdid fis-suq għandhom juru l-abilità tagħhom li jipprovdu numru minimu ta' bastimenti bil-persunal u t-tagħmir tagħhom stess. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet u r-regoli relevanti inklużi liġijiet tax-xogħol applikabbli, ftehimiet kollettivi applikabbli u rekwiżiti tal-kwalità tal-port.*** |

Or. en

**Emenda 133**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Billi l-portijiet huma magħmula minn żoni ġeografiċi limitati, l-aċċess għas-suq jista', f'ċerti każijiet, ikun suġġett għal limitazzjonijiet relatati mal-iskarsezza tal-art jew f'każ li l-art hija riservata għal ċertu tip ta' attivitajiet bi pjan ta' żvilupp formali li jippjana b'mod trasparenti ***tal-użu*** tal-art u skont leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti bħal dawk relatati mal-għanijiet tal-ippjanar ***tal-bliet u l-kampanja***. | (10) Billi l-portijiet huma magħmula minn żoni ġeografiċi limitati, l-aċċess għas-suq jista', f'ċerti każijiet, ikun suġġett għal limitazzjonijiet relatati ***mal-kapaċità ekonomika tas-suq stess sabiex jiġu żgurati aktar operaturi jew*** mal-iskarsezza tal-art jew f'każ li l-art hija riservata għal ċertu tip ta' attivitajiet bi pjan ta' żvilupp formali li jippjana b'mod trasparenti ***l-użu*** tal-art u skont leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti bħal dawk relatati mal-għanijiet tal-ippjanar ***lokali, reġjonali u tal-kampanja***. |

Or. it

**Emenda 134**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Minħabba l-varjazzjonijiet sinifikanti fid-daqs tal-portijiet, il-kapaċità ekonomika u l-ammont ta' spazju disponibbli għall-operazzjonijiet fl-ilma jeħtieġu wkoll li jitqiesu meta jiġi limitat in-numru ta' fornituri ta' servizzi tal-port. Barra minn hekk, għandu jkun possibbli li jiġi limitat l-aċċess għas-suq sabiex jiġu żgurati operazzjonijiet tal-port sikuri, siguri jew ambjentalment sostenibbli.*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sabiex tkun miftuħa u trasparenti, il-proċedura biex jingħażlu l-fornituri tas-servizzi portwarji u r-riżultat tagħha ***għandha tkunu ppubblikata*** u d-dokumentazzjoni sħiħa għandha tiġi kkomunikata lill-partijiet interessati. | (12) Sabiex tkun miftuħa u trasparenti ***fil-portijiet iffinanzjati pubblikament***, il-proċedura biex jingħażlu l-fornituri tas-servizzi portwarji u r-riżultat tagħha ***għandhom ikunu ppubblikati*** u d-dokumentazzjoni sħiħa għandha tiġi kkomunikata lill-partijiet interessati. |

Or. en

**Emenda 136**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(13) Il-proċedura tal-għażla għall-fornituri ta' servizzi tal-port f'każ li l-għadd ta' dawk il-fornituri huwa limitat, għanda ssegwi l-prinċipji u l-approċċ stabbilit fid-Direttiva../../... [konċessjoni], inkluż il-limitu u l-metodu għad-determinazzjoni tal-valur tal-kuntratti kif ukoll id-definizzjoni ta' modifiki sostanzjali u l-elementi relatati għat-tul tal-kuntratt.*** <br>______________ <br>[7] ***Proposta għal Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (COM 2011) 897 finali*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-Premessa 13 issir referenza għad-Direttiva ta' konċessjoni. Madankollu din la hija deċiża u lanqas hemm tagħrif dwar il-kontenut tagħha. Għalhekk ma jistax jiġi deċiż li ssir referenza għal din id-Direttiva.*

**Emenda 137**
**Corien Wortmann-Kool**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-proċedura ***tal-għażla għall-fornituri*** ta' servizzi tal-port ***f'każ li*** l-għadd ta' dawk il-fornituri huwa limitat***, għanda ssegwi l-prinċipji u l-approċċ stabbilit fid-Direttiva../../... [konċessjoni]***[7]***, inkluż il-limitu u l-metodu għad-determinazzjoni tal-valur tal-kuntratti kif ukoll id-definizzjoni ta' modifiki sostanzjali u l-elementi relatati għat-tul tal-kuntratt.*** | (13) Il-proċedura ***għall-għażla*** ta' ***fornituri ta'*** servizzi tal-port ***fejn*** l-għadd ta' dawk il-fornituri huwa limitat ***għandha tkun miftuħa għall-partijiet interessati kollha u għandha tkun trasparenti u nondiskriminatorja.*** |
| [7] Proposta għal Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (***COM*** 2011) 897 finali | [7] Proposta għal Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (***KUMM*** 2011) 897 finali |

Or. en

**Emenda 138**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) ***Ir-rikors għall-obbligi*** ta' servizz pubbliku li ***jwassal għal*** limitazzjoni fin-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju ***jista' jkun iġġustifikat biss*** għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti. | (14) ***L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu obbligi*** ta' servizz pubbliku li ***jistgħu jiġġustifikaw*** limitazzjoni fin-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti***, is-sigurtà u s-sikurezza marittimi, u għall-protezzjoni ambjentali***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom imperattivament ikunu jistgħu jimponu obbligi ta' servizz pubbliku, inkluż fil-qasam tas-sigurtà u tas-sikurezza marittima u tal-protezzjoni ambjentali. Dawn tal-aħħar jistgħu jiġġustifikaw limitazzjoni fin-numru ta' fornituri.*

**Emenda 139**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Ir-rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jwassal għal limitazzjoni fin-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju jista' jkun iġġustifikat ***biss*** għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti. | (14) Ir-rikors għall-obbligi ta' servizz pubbliku li jwassal għal limitazzjoni fin-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju jista' jkun iġġustifikat għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti ***u permezz ta' servizzi portwarji sikuri, favur l-ambjent, soċjali u sostenibbli***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa kompletament neċessarju li jiġu pprovduti kriterji għas-servizzi tal-port.*

**Emenda 140**
**Carlo Fidanza, Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) ***Ir-rikors għall-obbligi*** ta' servizz pubbliku li ***jwassal għal*** limitazzjoni fin-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju ***jista' jkun iġġustifikat biss*** għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz | (14) ***L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jimponu obbligi*** ta' servizz pubbliku li ***jista' jiġġustifika*** limitazzjoni fin-numru ta' fornituri ta' servizz portwarju għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id- |

| | |
|---|---|
| portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti. | disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha jew l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti***, is-sigurtà u s-sikurezza marittimi u jiġi protett l-ambjent***. |

Or. en

**Emenda 141**
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) ***Ir-rikors għall-obbligi*** ta' servizz pubbliku ***li jwassal għal limitazzjoni fin-numru*** ta' fornituri ***ta' servizz portwarju jista' jkun iġġustifikat biss*** għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha ***jew*** l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti. | (14) ***L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu obbligi*** ta' servizz pubbliku ***rigward is-servizzi portwarji sabiex jiġi limitat in-numru*** ta' fornituri għal raġunijiet ta' interess pubbliku sabiex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tas-servizz portwarju għall-utenti kollha, id-disponibbiltà tas-servizz portwarju matul is-sena kollha ***u fiż-żona portwarja,*** l-affordabbiltà tas-servizz portwarju għal ċerta kategorija ta' utenti***, is-sigurtà u s-sikurezza marittimi u s-sostenibbiltà ambjentali tal-operazzjonijiet portwarji***. |

Or. fr

**Emenda 142**
**Francesca Barracciu, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Dan ir-Regolament ma jipprekludix il-possibbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li jagħtu kumpens għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku sakemm dan jikkonforma mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat. Meta l-obbligi ta' servizz pubbliku jikkwalifikaw bħala SGEI għandha tiġi żgurata l-konformità mad- | (16) Dan ir-Regolament ma jipprekludix il-possibbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li jagħtu kumpens għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku sakemm dan jikkonforma mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat. ***Regolamentazzjoni bħal din għandha tiġi applikata filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet partikolari tal-port, bħal dawk*** |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' ***Novembru 2011*** dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku mogħti lil ċerti ***imrpiżi*** fdati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali[8], ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali[9] u l-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku[10]. | ***tal-gżejjer, u d-diffikultajiet ekonomiċi marbuta ma' skarsezzi infrastrutturali serji.*** Meta l-obbligi ta' servizz pubbliku jikkwalifikaw bħala SGEI għandha tiġi żgurata l-konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' ***Diċembru 2011*** dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku mogħti lil ċerti ***impriżi*** fdati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali[8], ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna de minimis mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali[9] u l-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku[10]. |
| [8] ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3.<br>[9] ĠU L 114, 26.4.2012, p.8.<br>[10] ĠU L 8, 11.01.2012. | [8] ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3.<br>[9] ĠU L 114, 26.4.2012, p.8.<br>[10] ĠU L 8, 11.01.2012. |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Billi l-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġi mmodernizzat in-netwerk tal-portijiet, ma għandux jiġi injorat il-fatt li ħafna portijiet għandhom skarsezzi infrastrutturali. Spiss dawn l-iskarsezzi ma jistgħux jissolvew billi jirrikorru għas-suq, u huwa meħtieġ appoġġ min-naħa tal-Istat.*

**Emenda 143**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) ***Il-korp maniġerjali*** tal-port ma ***għandux jiddiskrimina*** bejn il-fornituri | (17) ***L-awtorità*** tal-port ma ***għandhiex*** |

| | |
|---|---|
| tas-servizzi portwarji, b'mod partikolari favur impriża jew korp li ***għandu*** interess fih(a). | ***tiddiskrimina*** bejn il-fornituri tas-servizzi portwarji, b'mod partikolari favur impriża jew korp li ***għandha*** interess fih(a). |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*It-termini "The managing body of the port" għandhom jiġu tradotti bil-Franċiż bħala "l-awtorità tal-port" u mhux "il-korp maniġerjali tal-port", għaliex dan it-terminu jista' jagħti sens kompletament differenti għall-Artikoli li jidher fihom.*

**Emenda 144**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) L-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji bl-obbligi ta' servizz pubbliku huma stess jew jinkarigaw direttament lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi ***nnifisha***, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jaqblu fuq għażla bħal din, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni ***mill-korp ta' sorveljanza*** indipendenti. | (18) L-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji bl-obbligi ta' servizz pubbliku huma stess jew jinkarigaw direttament lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi ***nnifisha***, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jaqblu fuq għażla bħal din, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni indipendenti. |

Or. en

**Emenda 145**
**Georgios Koumoutsakos, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) L-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji bl-obbligi ta' servizz pubbliku huma stess jew jinkarigaw ***direttament*** lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi ***nnifsha***, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jaqblu fuq għażla bħal din, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni ***mill-korp ta' sorveljanza*** indipendenti. | (18) L-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji bl-obbligi ta' servizz pubbliku huma stess jew jinkarigaw lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi ***nnifisha***, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti ***bħal bdoti*** impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet ***marittimi*** kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jaqblu fuq għażla bħal din, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni indipendenti. |

Or. en

**Emenda 146**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) L-awtoritajiet kompetenti maħtura | (18) ***Il-korp maniġerjali tal-port jew*** l- |

mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji bl-obbligi ta' servizz pubbliku huma stess jew jinkarigaw ***direttament*** lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi ***nnifsha***, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jaqblu fuq għażla bħal din, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal ***superviżjoni mill-korp*** ta' sorveljanza indipendenti.

awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji bl-obbligi ta' servizz pubbliku huma stess jew jinkarigaw lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi ***nnifisha***, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jaqblu fuq għażla bħal din, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal ***korp*** ta' sorveljanza indipendenti.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-korp maniġerjali għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-port.*

**Emenda 147**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

(18) L-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji bl-obbligi ta' servizz pubbliku huma stess jew jinkarigaw direttament lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti

(18) L-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istat Membru għandu jkollhom l-għażla li jiddeċiedu li jipprovdu s-servizzi portwarji bl-obbligi ta' servizz pubbliku huma stess jew jinkarigaw direttament lil operatur intern bil-forniment ta' dawk is-servizzi. Fil-każ li awtorità kompetenti

| | |
|---|---|
| tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi ***nnifsha***, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jaqblu fuq għażla bħal din, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. ***Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet, in-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati minn dak l-operatur għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni mill-korp ta' sorveljanza indipendenti.*** | tiddeċiedi li tipprovdi s-servizz hi ***nnifisha***, dan jista' jkopri l-forniment ta' servizzi permezz tal-aġenti impjegati mill-awtorità kompetenti jew ikkummissjonati mill-awtorità kompetenti. Meta limitazzjoni bħal din tiġi applikata fil-portijiet kollha tat-TEN-T fit-territorju ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa. Fil-każijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jaqblu fuq għażla bħal din, id-dispożizzjoni tas-servizzi portwarji mill-operaturi interni għandha tkun limitata biss għall-port jew il-portijiet li għalihom ikunu ġew maħtura dawk l-operaturi interni. |

Or. pl

**Emenda 148**
**Georgios Koumoutsakos, Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) Is-servizzi ta' pilotaġġ għandhom rwol importanti biex jiżguraw sikurezza marittima u jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-fornituri tas-servizzi ta' pilotaġġ għandhom iżommu livell ta' indipendenza mill-utenti tal-port meta jieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw is-sikurezza u l-ambjent. F'dan il-kuntest, l-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri tas-servizzi ta' pilotaġġ u l-forniment ta' dawn is-servizzi minn operaturi interni jistgħu jkunu ġġustifikati fuq il-bażi ta' obbligi ta' servizz pubbliku.*** |

Or. en

**Emenda 149**
**Brian Simpson**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri ***tas-servizz portwarju***, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***jista' jinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ***għandu jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur*** tas-servizz magħżul ***biex*** japplika ***d-disposizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11]. | (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri ***u għandu jirrispetta l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li tagħti lill-ħaddiema d-dritt ta' negozjar u ta' azzjoni kollettivi***. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri ***tas-servizzi portwarji***, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***tista' tinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ***il-korpi maniġerjali tal-port għandhom jeħtieġu li l-operatur*** tas-servizz magħżul japplika ***d-dispożizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11]. |
| [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. | [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun obbligu għall-korp maniġerjali tal-port li jeħtieġ l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/23/KE. Barra minn hekk, id-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva għandu jiġi rispettat.*

**Emenda 150**
**Philippe De Backer**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***jista' jinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, għandu jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul biex japplika ***d-disposizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11]. | (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri***, diment li dawn ir-regoli jkunu konformi mar-regoli tat-Trattat tal-UE***. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***tista' tinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, għandu jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul biex japplika ***d-dispożizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11]. |
| [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. | [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. |

Or. en

**Emenda 151**
**Georges Bach**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' | (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa ***sħiħa*** li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. ***Dan ir-*** |

limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri ***tas-servizz portwarju***, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***jista' jinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, għandu ***jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur*** tas-servizz magħżul ***biex*** japplika ***d-disposizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11].

[11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.

***Regolament għandu jirrispetta l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*** Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri ***tas-servizzi portwarji***, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***tista' tinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ***l-Istat Membru*** għandu ***jeħtieġ li l-operatur*** tas-servizz magħżul japplika ***d-dispożizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11].

[11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.

Or. en

**Emenda 152**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***jista' jinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ***għandu jkun possibbli li*** l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul biex japplika ***d-disposizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' | (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***tista' tinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, l-awtoritajiet kompetenti ***għandhom*** jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul biex japplika ***d-dispożizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' |

| | |
|---|---|
| trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11]. | trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11]. |
| [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. | [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-emenda 53 tar-rapporteur, huwa essenzjali li jiġi speċifikat li r-rispett mill-operaturi tal-port ġodda tad-Direttiva 2001/23/KE huwa obbligu u mhux sempliċiment possibilità.*

**Emenda 153**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-Istati Membri ***għandu jkollhom*** is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***jista' jinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ***għandu jkun*** possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul biex japplika ***d-disposizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew ***negozji[11]***. | (19) L-Istati Membri ***għandhom jingħataw*** is-setgħa ***sħiħa*** li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-impriża li tipprovdi servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***tista' tinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ***irid ikun*** possibbli li ***fil-preżent u fil-futur qrib*** l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-operatur tas-servizz magħżul biex japplika ***d-dispożizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew ***negozji***. |
| [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. | [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-formulazzjonijiet tal-Kummissjoni huma wisq nonvinkolanti.*

**Emenda 154**
**Knut Fleckenstein, Saïd El Khadraoui, Kathleen Van Brempt**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal ***tal-impriża li tipprovdi*** servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***jista' jinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, ***għandu jkun possibbli li*** l-awtoritajiet kompetenti ***jitolbu lill-operatur*** tas-servizz magħżul biex japplika ***d-disposizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11]. | (19) L-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali għall-persunal ***tal-impriżi li jipprovdu*** servizzi portwarji. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli soċjali u tax-xogħol tal-Istati Membri ***u għandu jirrispetta bis-sħiħ l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***. Fil-każijiet ta' limitazzjoni tal-għadd ta' fornituri tas-servizz portwarju, fejn il-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz portwarju ***tista' tinkludi*** bidla fl-operatur tas-servizz portwarju, l-awtoritajiet kompetenti ***għandhom jeħtieġu li l-operatur*** tas-servizz magħżul biex japplika ***d-dispożizzjonjiet*** tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[11]. |
| [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. | [11] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16. |

Or. en

**Emenda 155**
**Kathleen Van Brempt**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(20) F'ħafna portijiet, l-aċċess għas-suq għall-fornituri ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tat-terminals tal-passiġġieri jingħata permezz ta' kuntratti ta' konċessjoni pubblika. Dan it-tip ta' kuntratti se jiġu koperti mid-Direttiva.../... [konċessjonijiet]. Konsegwentement, il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tal-passiġġieri, iżda l-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jiddeċiedu japplikawx ir-regoli ta' dan il-Kapitolu għal dawn iż-żewġ servizzi. Għal tipi oħra ta' kuntratti użati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jingħata l-aċċess għas-suq għas-servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija u terminals tal-passiġġieri, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li l-awtoritajiet kompetenti huma suġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni meta jiġu konklużi dawn il-kuntratti. Dawn il-priniċpji huma applikabbli bis-sħiħ fir-rigward tal-forniment ta' xi servizz portwarju.*** | ***imħassra*** |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-Premessa hija bbażata fuq il-preżunzjoni li l-kuntratti ta' konċessjoni huma koperti mid-Direttiva dwar il-Konċessjonijiet, li fil-fatt mhuwiex il-każ.*

**Emenda 156**
**Knut Fleckenstein, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) F'ħafna portijiet, l-aċċess għas-suq għall-forniturі ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tat-terminals tal- | (20) F'ħafna portijiet, l-aċċess għas-suq għall-fornituri ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tat-terminals tal- |

passiġġieri jingħata permezz ta' kuntratti ta' konċessjoni pubblika. Dan it-tip ta' kuntratti se ***jiġu koperti*** mid-Direttiva.../... [konċessjonijiet]. Konsegwentement, il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tal-passiġġieri***, iżda l-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jiddeċiedu japplikawx ir-regoli ta' dan il-Kapitolu għal dawn iż-żewġ servizzi***. Għal tipi oħra ta' kuntratti użati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jingħata l-aċċess għas-suq għas-servizzi ta' mmaniġġjar ta' ***merkanzija u*** terminals tal-passiġġieri, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li l-awtoritajiet kompetenti huma suġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni meta jiġu konklużi dawn il-kuntratti. Dawn ***il-priniċpji*** huma applikabbli bis-sħiħ fir-rigward tal-forniment ta' xi servizz portwarju.

passiġġieri jingħata permezz ta' kuntratti ta' konċessjoni pubblika. Dan it-tip ta' kuntratti se ***jiġi kopert*** mid-Direttiva.../... [konċessjonijiet]. Konsegwentement, il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tal-passiġġieri. Għal tipi oħra ta' kuntratti użati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jingħata l-aċċess għas-suq għas-servizzi ta' mmaniġġjar ***tal-merkanzija u*** ta' terminals tal-passiġġieri, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li l-awtoritajiet kompetenti huma suġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni meta jiġu konklużi dawn il-kuntratti. Dawn ***il-prinċipji*** huma applikabbli bis-sħiħ fir-rigward tal-forniment ta' xi servizz portwarju.

Or. en

**Emenda 157**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) ***F'ħafna portijiet, l-aċċess għas-suq għall-fornituri*** ta' ***servizzi*** ta' ***mmaniġġjar tal-merkanzija u tat-terminals tal-passiġġieri jingħata permezz ta' kuntratti ta' konċessjoni pubblika. Dan it-tip ta' kuntratti se jiġu koperti mid-Direttiva.../... [konċessjonijiet]. Konsegwentement, il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u tal-passiġġieri, iżda l-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jiddeċiedu japplikawx ir-regoli ta' dan il-Kapitolu għal dawn iż-żewġ servizzi. Għal tipi oħra ta' kuntratti użati mill-awtoritajiet***

*Emenda*

(20) ***Eżentati minn dan ir-Regolament huma t-tħammil, il-faċilitajiet*** ta' ***lqugħ fil-port, l-irmiġġ u l-irmonk kif ukoll is-servizzi*** ta' ***pilotaġġ.***

| | |
|---|---|
| ***pubbliċi biex jingħata l-aċċess għas-suq għas-servizzi ta' mmaniġġjar ta' merkanzija u terminals tal-passiġġieri, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li l-awtoritajiet kompetenti huma suġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni meta jiġu konklużi dawn il-kuntratti. Dawn il-priniċpji huma applikabbli bis-sħiħ fir-rigward tal-forniment ta' xi servizz portwarju.*** | |
| ***i*** | |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Ma jistax jiġi deċiż li ssir referenza għad-Direttiva ta' konċessjoni, peress li din la hija deċiża u lanqas huwa magħruf il-kontenut tagħha fid-dettall. Is-servizzi tal-immaniġġjar tal-merkanzija u s-servizzi tal-passiġġieri huma eżentati mill-abbozz tar-regolament. Madankollu t-tħammil, il-faċilitajiet ta' lqugħ fil-port u s-servizzi ta' pilotaġġ ġew inklużi fl-Artikolu 1 kontra s-sistema. Kif il-Kunsill Federali tal-Ġermanja diġà nnota, dawn ma għandhomx ikunu inklużi f'dan ir-Regolament u b'hekk għandhom jitħassru kif xieraq.*

**Emenda 158**
**Brian Simpson**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Il-pilotaġġ, l-irmonk u l-irmiġġ jipprovdu servizzi essenzjali, uniċi u speċjalizzati għall-industrija tat-tbaħħir, li jekk tkun miftuħa għall-kompetizzjoni xxekkel is-sikurezza u s-sigurtà marittima, il-protezzjoni tal-ambjent u l-effiċjenza tal-portijiet. Dawn għandhom għalhekk ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet tal-aċċess għas-suq stabbiliti fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 159**
**Spyros Danellis**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Is-servizzi ta' pilotaġġ huma fil-maġġoranza tal-każijiet fornuti minn fornitur wieħed għal raġunijiet ta' effettività u sikurezza. Madankollu, għandhom isiru dispożizzjonijiet sabiex is-servizz jingħata wkoll b'kunsiderazzjoni għat-trasparenza u l-kostefficjenza. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw deroga ta' sentejn sabiex iħejju l-mekkaniżmi ta' sikurezza u akkwist għal dan is-servizz importanti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jingħataw sentejn addizzjonali biex jiżguraw li l-applikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 ikunu introdotti mingħajr xkiel, mingħajr ma jaffettwaw l-effettività u s-sikurezza tas-servizz.*

**Emenda 160**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) In-natura speċifika tas-servizzi tekniċi-nawtiċi tal-pilotaġġ, tal-irmonk u tal-ittrakkar, u l-interdipendenza tagħhom mal-organizzazzjoni tajba u s-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet portwarji, jiġġustifikaw li dawn is-servizzi, li jwettqu missjonijiet ta' servizz pubbliku, ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għas-suq tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament. Il-bżonn li jiġu garantiti s-sigurtà u s-sikurezza marittimi, tal-persuni u tal-installazzjonijiet portwarji, u*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-protezzjoni ambjentali jimplika l-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru jew tal-korp maniġerjali tal-port li jagħtu drittijiet esklussivi lill-fornituri tal-pilotaġġ, tal-irmonk u tal-ittrakkar, li huma soġġetti għar-rekwiżit li jiżgura l-kontinwità ta' dawn is-servizzi f'kull ċirkostanza, fiż-żona portwarja kollha, għal kwalunkwe tip ta' bastiment.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba n-natura tagħhom u r-rabta tagħhom mas-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali, l-operazzjoni u s-servizzi portwarji kollha mwettqa bejn il-kontroll tal-bastiment mill-pilota sal-irmiġġ, ma jistgħux ikunu soġġetti għal politika kummerċjali li ma tqisx l-eżerċizzju ta' missjoni ta' servizz pubbliku mill-fornituri kkonċernati.*

**Emenda 161**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa pprevediet li l-portijiet tan-Netwerk Transewropew tat-Trasport jistgħu jibbenefikaw mill-għajnuna tal-UE matul il-perjodu li ġej 2014-2020. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tistabbilixxi qafas rivedut dwar għajnuniet mill-Istat lill-portijiet u minħabba li d-Direttiva l-ġdida dwar il-Konċessjonijiet tistabbilixxi wkoll qafas leġiżlattiv ġdid li jaffettwa wkoll is-servizzi tal-portijiet fil-proċedura tal-konċessjoni, jeħtieġ li jiġu introdotti f'dan ir-regolament standards stretti dwar it-trasparenza tal-flussi finanzjarji biex tiġi evitata sitwazzjoni ta' kompetizzjoni inġusta jew dumping bejn il-portijiet tal-Unjoni Ewropea.*** |

Or. es

**Emenda 162**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Hemm bżonn li fuq il-korp maniġerjali tal-port li jirċievi fondi pubbliċi, meta dan ikun qiegħed jaġixxi wkoll bħala fornitur tas-servizz, jiġi impost obbligu li jżomm kontijiet separati għall-attivitajiet ***imwettqa*** fil-kapaċità tiegħu bħala korp maniġerjali tal-port minn dawk imwettqa fuq bażi kompetittiva biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, trasparenza fl-allokazzjoni u l-użu ta' fondi pubbliċi u sabiex tiġi evitata distorsjoni tas-suq. Fi kwalunkwe każ għandha tkun żgurata l-konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. | (22) Hemm bżonn li fuq il-korp maniġerjali tal-port li jirċievi fondi pubbliċi, meta dan ikun qiegħed jaġixxi wkoll bħala fornitur tas-servizz, jiġi impost obbligu li jżomm kontijiet separati għall-attivitajiet ***li jirċievu fondi pubbliċi,*** fil-kapaċità tiegħu bħala korp maniġerjali tal-port minn dawk imwettqa fuq bażi kompetittiva biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, trasparenza fl-allokazzjoni u l-użu ta' fondi pubbliċi u sabiex tiġi evitata distorsjoni tas-suq. Fi kwalunkwe każ għandha tkun żgurata l-konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. |

Or. it

**Emenda 163**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Il-Kummissjoni għandha tikkjarifika l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward tan-natura mhux kummerċjali tal-infrastrutturi ta' aċċess pubbliku u tad-difiża, partikolarment l-infrastruttura ta' aċċess bil-ferrovija u bit-triq u l-konnessjonijiet tagħha mas-sistema ta' trasport nazzjonali, l-infrastruttura neċessarja għas-servizzi pubbliċi fiż-żona portwarja, il-postijiet ta' rmiġġ, u kull infrastruttura li tippermetti l-aċċess għal żona portwarja, inklużi l-aċċess fuq il-baħar, il-kanali interni u x-xogħlijiet ta' difiża. Dawn it-tipi ta' infrastrutturi għandhom ikunu*** |

| | |
|---|---|
| | ***aċċessibbli għal kull utent potenzjali b'mod ekwu u nondiskriminatorju. L-indirizzar tal-bżonnijiet ġenerali tal-popolazzjoni jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istat.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Flimkien mal-emenda tar-rapporteur, għandhom jiżdiedu mal-lista tal-infrastrutturi kkonċernati l-postijiet tal-irmiġġ, peress li dawn jikkostitwixxu parti sinifikanti tal-infrastruttura portwarja.*

**Emenda 164**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Minħabba n-nuqqas ta' linji gwida ċari għall-għajnuna mill-Istat għall-portijiet, is-settur portwarju jsofri minn inċertezza legali peress li dawn issa jiddependu fuq approċċ ta' każ b'każ. Sabiex tinħoloq aktar trasparenza, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-partijiet interessati kollha inklużi l-Istati Membri u l-awtoritajiet portwarji, tressaq linji gwida ċari dwar l-għajnuna mill-Istat għall-portijiet.*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Il-Kummissjoni għandha tiċċara l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-finanzjament tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***infrastruttura tal-port, filwaqt li titqies in-natura mhux kummerċjali tal-aċċess pubbliku u l-infrastruttura tad-difiża.*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Knut Fleckenstein**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Il-Kummissjoni għandha tiċċara l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-finanzjament tal-infrastruttura tal-port filwaqt li jitqies li l-operazzjoni ta' port taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istat biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ġenerali tal-popolazzjoni, minħabba r-rwol importanti li l-portijiet għandhom fl-ekonomija Ewropea. Dawn għandhom għalhekk ikunu eżentati mir-reġim tal-għajnuna mill-Istat sakemm dawn jissodisfaw il-funzjonijiet pubbliċi u jkunu koperti minn reġim bħall-SGEI jew ir-regoli dwar l-ispejjeż tal-infrastruttura simili għar-Regolament Nru 1370/2007 fl-operazzjonijiet mhux kummerċjali kollha, bħall-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-aċċess u d-difiża li tkun aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha f'termini ekwi u nondiskriminatorji.*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Philip Bradbourn, Jacqueline Foster**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Il-Kummissjoni għandha, malajr kemm jista' jkun, tiċċara r-regoli għall-Għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***finanzjament tal-iżvilupp ta' port, f'konformità mal-prinċipji applikati fid-deċiżjoni tal-ajruport Leipzig-Halle.*** |

Or. en*Ġustifikazzjoni*

*L-Għajnuna mill-Istat hija pprovduta b'mod wiesa' lill-portijiet madwar l-Ewropa mingħajr wisq konsistenza ta' prinċipju. Dan iwassal għal allokazzjoni ineffiċjenti, distorsjoni kompetittiva bejn l-Istati ġirien, u ħela ta' flus pubbliċi.*

**Emenda 168**
**Kathleen Van Brempt**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Il-Kummissjoni għandha tiċċara n-nozzjoni tal-'Għajnuna mill-Istat' fir-rigward tal-finanzjament tal-infrastruttura tal-port, billi titqies in-natura mhux kummerċjali tal-aċċess pubbliku u l-infrastruttura tad-difiża. Dan jinkludi l-infrastrutturi għall-konnessjonijiet ta' aċċess fuq l-art permezz tal-ferroviji u t-toroq għas-sistema tat-trasport nazzjonali, l-infrastrutturi neċessarji għall-faċilitajiet fil-port u l-faċilitajiet kollha neċessarji għal aċċess fil-port, inkluż marittimu, il-kanali navigabbli u x-xogħlijiet ta' difiża. Dawn it-tipi ta' infrastruttura għandhom ikunu aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha b'termini indaqs u non-diskriminatorji u hija r-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti li tiżgura li l-ħtiġijiet tal-pubbliku ġenerali jintlaħqu f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll ir-rwol preċiż, l-istatus u l-missjoni tal-korp tal-ġestjoni tal-port li jirċievi u/jew jalloka l-għajnuna, b'mod li jirrifletti d-differenzi eżistenti bejn*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-mudelli ta' ġestjoni msemmija fil-premessa 6b (ġdida).*** |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*Dan huwa konformi mal-pożizzjoni ta' Knut Fleckenstein li l-politika tal-port ma tistax tiġi kkunsidrata mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-arranġamenti għall-għajnuna mill-Istat għal infrastrutturi tal-port li għadhom qed jiġu żviluppati jew implimentati. Din l-Emenda għandha l-għan li tikseb rikonoxximent għal mudelli ta' finanzjament adottati legalment, motivati tajjeb u trasparenti li jeżistu diġà fil-livell nazzjonali.*

**Emenda 169**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Il-Kummissjoni għandha tiċċara l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-finanzjament tal-infrastruttura ta' port, filwaqt li titqies in-natura mhux kummerċjali tal-aċċess pubbliku u l-infrastruttura tad-difiża għall-utenti potenzjali f'termini nondiskriminatorji u li din taqa' taħt ir-responsabbiltà pubblika li jintlaħqu l-ħtiġijiet ġenerali tal-popolazzjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fil-portijiet, hu essenzjali li jkun hemm regoli ċari dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni bħalissa qed timmodernizza l-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat u għandha tqis il-karatteristiċi speċifiċi ta' infrastruttura tal-port. Dan ir-Regolament mhux se jintroduċi d-dettalji ta' tali regoli.*

**Emenda 170**
**Francesca Barracciu, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 22a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Ir-regolamentazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat però għandha tkun tista' tippermetti derogi fil-każ tal-għajnuniet għall-bini tal-infrastrutturi fil-portijiet tal-gżejjer. Għalhekk għandha tiġi meqjusa l-importanza tal-portijiet għal żoni bħal dawn, u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu meqjusa mill-ġdid anke fid-dawl tad-diffikultajiet ekonomiċi li dawn iż-żoni, diġà ġeografikament żvantaġġati, jippreżentaw.*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Billi l-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġi mmodernizzat in-netwerk tal-portijiet, ma għandux jiġi injorat il-fatt li ħafna portijiet għandhom skarsezzi infrastrutturali. Spiss dawn l-iskarsezzi ma jistgħux jissolvew billi jirrikorru għas-suq, u huwa meħtieġ appoġġ min-naħa tal-Istat. Il-gżejjer, b'mod partikolari, jiddependu ħafna mill-kollegamenti marittimi tagħhom, u spiss isofru minn diffikultajiet ekonomiċi preeżistenti gravi ħafna.*

**Emenda 171**
**Bogusław Liberadzki**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex ***imfasslin*** skont ***proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont*** it-tifsira ***tar-Regolament. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq,*** | (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex ***esposti għal kompetizzjoni effettiva*** skont it-tifsira ***tal-Artikolu 9(1) u 6(1) ma għandhomx ikunu sproporzjonati għall-valur ekonomiku tas-servizzi fornuti u*** għandhom ***ikunu*** stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. |

għandhom ***jiġu*** stabbiliti ***arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq relevanti u li huma stabbiliti*** b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.

Or. en

**Emenda 172**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont it-tifsira tar-Regolament. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu ***jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq relevanti u li huma*** stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. | (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont it-tifsira tar-Regolament. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu ***jiġu indikati fid-diversi komponenti, proporzjonati mal-ispejjeż korrispondenti u*** stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. |

Or. it

**Emenda 173**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex ***imfasslin*** skont | (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex ***esposti għal*** |

***proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont*** it-tifsira ***tar-Regolament. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq,*** għandhom ***jiġu*** stabbiliti ***arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq relevanti u li huma stabbiliti*** b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.

***kompetizzjoni effettiva*** skont it-tifsira ***tal-Artikolu 9(1) u 6(1) ma għandhomx ikunu sproporzjonati għall-valur ekonomiku tas-servizzi fornuti u*** għandhom ***ikunu*** stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.

Or. en

**Emenda 174**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. ***Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni*** skont it-tifsira ***tar-Regolament. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq,*** għandhom ***jiġu*** stabbiliti ***arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq relevanti u li huma stabbiliti*** b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. | (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. ***In-nollijiet stabbiliti mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex esposti għal kompetizzjoni effettiva*** skont it-tifsira ***tal-Artikolu 9(1) u 6(1) ma għandhomx ikunu sproporzjonati għall-valur ekonomiku tas-servizzi fornuti u*** għandhom ***ikunu*** stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. |

Or. en

**Emenda 175**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet ***minħabba s-sitwazzjoni*** monopolistika jew duopolistika ***tagħhom*** u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. ***Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont it-tifsira tar-Regolament.*** Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq relevanti u li huma stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. | (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja ***jew mill-operaturi interni, li jkunu ffinanzjati pubblikament għalkollox jew fil-biċċa l-kbira,*** jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet ***fejn ikun hemm sitwazzjoni*** monopolistika jew duopolistika u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq relevanti u li huma stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. |

Or. en

**Emenda 176**
**Knut Fleckenstein**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja ***jinvolvu*** riskju ogħla ta' abbuż ***tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat***. Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont it-tifsira ***tar-Regolament***. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq, | (23) In-nollijiet tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji ***f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 6(1),*** li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja ***u n-nollijiet applikati mill-fornituri tas-servizzi ta' pilotaġġ, li mhumiex esposti għal kompetizzjoni effettiva li tinvolvi*** riskju ogħla ta' abbuż ***mill-prezz***. Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont it-tifsira ***tal-Artikolu 9(1)***. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti |

| | |
|---|---|
| għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet ***li jitolbu jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq relevanti*** u li huma stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. | tas-suq, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet ***mitluba ma jkunux sproporzjonati għall-valur ekonomiku tas-servizzi fornuti*** u li huma stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. |

Or. en

**Emenda 177**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) ***In-nollijiet*** tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji ***li mhumiex imfasslin skont proċedura miftuħa***, ***trasparenti u nondiskriminatorja jinvolvu riskju ogħla ta' abbuż tal-prezzijiet minħabba s-sitwazzjoni monopolistika jew duopolistika tagħhom u l-fatt li s-suq tagħhom ma jistax jiġi kkontestat. Dan jgħodd ukoll għan-nollijiet mitlubin mill-operaturi interni skont it-tifsira tar-Regolament. Għal dawk is-servizzi, fin-nuqqas ta' mekkaniżmi ġusti tas-suq,*** għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu ***jirriflettu l-kundizzjonijiet normali tas-suq relevanti*** u li huma stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. | (23) ***Għal nollijiet*** tas-servizzi portwarji applikati mill-fornituri tas-servizzi portwarji, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti biex jiġi żgurat li n-nollijiet li jitolbu ***jkunu proporzjonati għall-valur ekonomiku tas-servizzi fornuti*** u li huma stabbiliti b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

***Il-preżunzjoni tal-Kummissjoni f'din il-Premessa li l-prezzijiet fis-suq liberu huma, bħala definizzjoni, iżjed ġusti mill-prezzijiet fis-suq regolat mhijiex neċessarjament ġusta, peress li l-prezzijiet inġusti huma possibbli wkoll fis-suq liberu.***

**Emenda 178**
**Philip Bradbourn**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Biex ikunu effiċjenti, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ***ta' kull port individwali*** għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti ***u awtonomu skont l-istrateġija kummerjali u tal-investimenti tal-port stess***. | (24) Biex ikunu effiċjenti, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ***tal-portijiet*** għandhom jiġu stabbiliti ***mill-korp maniġerjali tal-port*** b'mod ***awtonomu skont l-istrateġija kummerċjali u tal-investimenti tal-port stess. Meta l-korp maniġerjali tal-port huwa ffinanzjat pubblikament għalkollox jew fil-biċċa l-kbira, tali nollijiet għandhom jiġu stabbiliti b'mod*** trasparenti. |

Or. en

**Emenda 179**
**Phil Bennion**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Biex ikunu effiċjenti, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ta' kull port individwali għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u awtonomu skont l-istrateġija ***kummerjali*** u tal-investimenti tal-port stess. | (24) Biex ikunu effiċjenti, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ta' kull port individwali għandhom jiġu stabbiliti ***mill-korp maniġerjali tal-port*** b'mod trasparenti u awtonomu skont l-istrateġija ***kummerċjali*** u tal-investimenti tal-port stess. |

Or. en

**Emenda 180**
**Luis de Grandes Pascual**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) ***Biex ikunu effiċjenti,*** in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ta' kull port individwali għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti ***u awtonomu*** skont l-istrateġija | (24) In-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ta' kull port individwali għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti ***li jiżgura ċertu livell ta' awtonomija*** skont l- |

| | |
|---|---|
| ***kummerjali*** u tal-investimenti tal-port stess. | istrateġija ***kummerċjali*** u tal-investimenti tal-port stess. |

Or. en

**Emenda 181**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) ***Il-varjazzjoni tan-nollijiet*** tal-infrastruttura tal-portijiet ***għandha tkun permessa*** sabiex ***tippromwovi t-tbaħħir*** fuq distanza qasira u jiġu attirati bastimenti tat-trasport fuq l-ilma bi prestazzjoni ambjentali jew effiċjenza enerġetika u tal-karbonju tal-operazzjonijiet tat-trasport, b'mod partikolari operazzjonijiet tat-trasport marittimu lil hinn mill-kosta jew fuq l-art, li tkun aħjar mill-medja. Din ***ser*** tgħin fil-kontribuzzjoni tal-politiki ambjentali u tat-tibdil ***tal-klima*** u fl-iżvilupp sostenibbli tal-port u tal-inħawi tiegħu billi b'mod partikolari bil-kontribuzzjoni għat-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-bastimenti tat-trasport bl-ilma li jidħlu u jibqgħu fil-port. | (25) ***Il-korp maniġerjali tal-port jista' jvarja n-nollijiet*** tal-infrastruttura tal-portijiet ***bħala parti mill-istrateġija kummerċjali tiegħu. In-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw*** sabiex***, pereżempju, jiġi promoss it-tbaħħir*** fuq distanza qasira u jiġu attirati bastimenti tat-trasport fuq l-ilma bi prestazzjoni ambjentali jew effiċjenza enerġetika u tal-karbonju tal-operazzjonijiet tat-trasport, b'mod partikolari operazzjonijiet tat-trasport marittimu lil hinn mill-kosta jew fuq l-art, li tkun aħjar mill-medja. Din ***tista'*** tgħin fil-kontribuzzjoni tal-politiki ambjentali u tat-tibdil ***fil-klima*** u fl-iżvilupp sostenibbli tal-port u tal-inħawi tiegħu billi b'mod partikolari bil-kontribuzzjoni għat-tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-bastimenti tat-trasport bl-ilma li jidħlu u jibqgħu fil-port. |

Or. en

**Emenda 182**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) ***Għandu jkun hemm fis-seħħ faċilitajiet adegwati biex jiġi żgurat li*** dawk li jużaw ***il-portijiet*** u li jintalbu jħallsu ***noll*** tal-infrastruttura ta' port u/jew | (26) Dawk li jużaw ***portijiet iffinanzjati pubblikament*** u li jintalbu jħallsu ***n-noll*** tal-infrastruttura ta' port u/jew noll tas-servizz portwarju ***għandhom*** jiġu |

noll tas-servizz portwarju jiġu kkonsultati b'mod regolari meta n-noll tal-infrastruttura tal-port u n-noll tas-servizz portwarju jiġu ddefiniti u jinbidlu. L-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet għandhom ukoll jikkonsultaw regolarment mal-partijiet interessati l-oħra dwar kwistjonijiet ewlenin relatati ***l-iżvilupp*** sod tal-port, il-prestazzjoni tiegħu u l-kapaċità tiegħu biex jattira u jiġġenera attivitajiet ekonomiċi bħall-koordinazzjoni ***ta' servizzi*** tal-port ġewwa ż-żona tal-port u l-effiċjenza tal-konnessjonijiet mal-pajjiż u l-proċeduri amministrattivi fil-portijiet.

kkonsultati b'mod regolari meta n-noll tal-infrastruttura tal-port u n-noll tas-servizz portwarju jiġu ddefiniti u jinbidlu. L-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet għandhom ukoll jikkonsultaw regolarment mal-partijiet interessati l-oħra dwar kwistjonijiet ewlenin relatati ***mal-iżvilupp*** sod tal-port, il-prestazzjoni tiegħu u l-kapaċità tiegħu biex jattira u jiġġenera attivitajiet ekonomiċi bħall-koordinazzjoni ***tas-servizzi*** tal-port ġewwa ż-żona tal-port u l-effiċjenza tal-konnessjonijiet mal-pajjiż u l-proċeduri amministrattivi fil-portijiet.

Or. en

**Emenda 183**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Għandu ***jkun hemm fis-seħħ faċilitajiet adegwati biex*** jiġi żgurat li dawk li jużaw il-portijiet u li jintalbu jħallsu noll tal-infrastruttura ta' port u/jew noll tas-servizz portwarju jiġu kkonsultati b'mod regolari meta n-noll tal-infrastruttura tal-port u n-noll tas-servizz portwarju jiġu ddefiniti u jinbidlu. L-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet għandhom ukoll jikkonsultaw regolarment mal-partijiet interessati l-oħra dwar kwistjonijiet ewlenin relatati ***l-iżvilupp*** sod tal-port, il-prestazzjoni tiegħu u l-kapaċità tiegħu biex jattira u jiġġenera attivitajiet ekonomiċi bħall-koordinazzjoni ta' servizzi tal-port ġewwa ż-żona tal-port u l-effiċjenza tal-konnessjonijiet mal-pajjiż u l-proċeduri amministrattivi fil-portijiet. | (26) Għandu jiġi żgurat li dawk li jużaw il-portijiet u li jintalbu jħallsu noll tal-infrastruttura ta' port u/jew noll tas-servizz portwarju jiġu kkonsultati b'mod regolari meta n-noll tal-infrastruttura tal-port u n-noll tas-servizz portwarju jiġu ddefiniti u jinbidlu. L-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet għandhom ukoll jikkonsultaw regolarment mal-partijiet interessati l-oħra dwar kwistjonijiet ewlenin relatati ***mal-iżvilupp*** sod tal-port, il-prestazzjoni tiegħu u l-kapaċità tiegħu biex jattira u jiġġenera attivitajiet ekonomiċi bħall-koordinazzjoni ta' servizzi tal-port ġewwa ż-żona tal-port u l-effiċjenza tal-konnessjonijiet mal-pajjiż u l-proċeduri amministrattivi fil-portijiet. |

Or. en

**Emenda 184**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(27) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba u effettiva ta' dan ir-Regolament, f'kull Stat Membru għandu jitwaqqaf korp ta' sorveljanza indipendenti, li jista' jkun korp li diġa jeżisti.*** | ***imħassra*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-korp ta' sorveljanza addizzjonali huwa kompletament superfluwu u joħloq biss burokrazija żejda li tiġi flimkien ma' spejjeż u sforzi addizzjonali.*

**Emenda 185**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(27) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba u effettiva ta' dan ir-Regolament, f'kull Stat Membru għandu jitwaqqaf korp ta' sorveljanza indipendenti, li jista' jkun korp li diġa jeżisti.*** | ***imħassra*** |

Or. pl

**Emenda 186**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Biex ***tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba u effettiva*** ta' ***dan ir-Regolament***, f'kull Stat Membru ***għandu jitwaqqaf korp ta' sorveljanza indipendenti***, li ***jista' jkun*** | (27) Biex ***jiġi żgurat li jkun stabbilit mekkaniżmu*** ta' ***lmenti indipendenti***, ***korp wieħed jew iktar li jipprovdu sorveljanza indipendenti għandhom jinħatru*** f'kull |

| | |
|---|---|
| ***korp li diġa jeżisti*.** | Stat Membru***. Korpi li diġà jeżistu**, **bħall-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, il-qrati, il-ministeri jew id-dipartimenti fi ħdan il-ministeri*** li ***mhumiex marbutin mal-korp maniġerjali tal-port jistgħu jinħatru għal dan il-għan***. |

Or. en

**Emenda 187**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba u effettiva ta' dan ir-Regolament, ***f'***kull Stat Membru għandu ***jitwaqqaf*** korp ta' sorveljanza indipendenti, li jista' jkun korp li ***diġa*** jeżisti. | (27) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tajba u effettiva ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu ***jaħtar*** korp ta' sorveljanza indipendenti, li jista' jkun korp li ***diġà*** jeżisti. |

Or. ro

**Emenda 188**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) Il-korpi superviżorji indipendenti differenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u jikkooperaw sabiex jiżguraw l-applikazzjoni unformi ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassra*** |

Or. en

**Emenda 189**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(28) Il-korpi superviżorji indipendenti differenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u jikkooperaw sabiex jiżguraw l-applikazzjoni unformi ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassra*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-korp ta' sorveljanza addizzjonali huwa kompletament superfluwu u joħloq biss burokrazija żejda li tiġi flimkien ma' spejjeż u sforzi addizzjonali.*

**Emenda 190**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(28) Il-korpi superviżorji indipendenti differenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u jikkooperaw sabiex jiżguraw l-applikazzjoni unformi ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassra*** |

Or. pl

**Emenda 191**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (28) Il-korpi superviżorji indipendenti differenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u jikkooperaw sabiex jiżguraw l-applikazzjoni ***unformi*** ta' ***dan ir-*** | (28) Il-korpi superviżorji indipendenti differenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u jikkooperaw sabiex jiżguraw l-applikazzjoni ***koerenti*** ta' ***din id-Direttiva***. |

***Regolament***.

Or. fr

**Emenda 192**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Il-korpi ***superviżorji*** indipendenti ***differenti*** għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom u ***jikkooperaw sabiex jiżguraw l-applikazzjoni unformi ta' dan ir-Regolament***. | (28) Il-korpi ***differenti li jipprovdu sorveljanza*** indipendenti għandhom ***jikkooperaw ma' xulxin u*** jiskambjaw informazzjoni dwar il-ħidma tagħhom ***f'każijiet li jikkonċernaw tilwim*** u ***lmenti transkonfinali***. |

Or. en

**Emenda 193**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(29) Biex jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tan-nollijiet ambjentali, tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbaħħir fuq distanza qasira, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet skont liema għandhom jiġu varjati in-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni tan-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet. Huwa ta'*** | ***imħassra*** |

***importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.***

Or. en

**Emenda 194**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) ***Biex*** jiġu ***supplimentati u emendati*** ċerti elementi ***mhux essenzjali*** ta' ***dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi*** tan-nollijiet ambjentali, tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbaħħir fuq distanza qasira, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, ***il-fjuwils u t-tipi*** ta' ***operazzjonijiet skont liema għandhom jiġu varjati in-nollijiet*** tal-infrastruttura ***u l-prinċipji komuni*** tan-nollijiet ***għan-nollijiet*** tal-infrastruttura ***tal-portijiet***. ***Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.*** Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. | (29) ***Sabiex*** jiġu ***rinfurzati*** ċerti elementi ta' ***din id-Direttiva fir-rigward*** tan-nollijiet ambjentali, tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbaħħir fuq distanza qasira ***u b'mod aktar vast tal-Awtostradi tal-Baħar kif previsti fil-qafas tar-Regolament dwar in-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport***, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti ***u l-fjuwils. Meta jiġu adottati tali atti delegati***, ***il-Kummissjoni se tqis l-Environmental Ship Index kif ukoll il-progress li sar mill-World Ports Climate Initiative (WPCI). Dawn il-klassifikazzjonijiet għandhom iservu*** ta' ***bażi għall-varjazzjonijiet tan-nollijiet*** tal-infrastruttura ***mingħajr ma ssir ħsara għall-kompetenza tal-awtoritajiet tal-port kompetenti fir-rigward tal-istabbiliment*** tan-nollijiet tal-infrastruttura ***tal-port***. Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament |

Ewropew u l-Kunsill.

Or. fr

**Emenda 195**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Biex ***jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tan-nollijiet ambjentali,*** tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali ***u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbaħħir fuq distanza qasira***, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti***, il-fjuwils u t-tipi ta' operazzjonijiet skont liema għandhom jiġu varjati in-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni tan-nollijiet għan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet***. ***Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.*** Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u ***l-Kunsill***. | (29) Biex tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet ***internazzjonali*** komuni tal-bastimenti ***u l-fjuwils***. Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill***. |

Or. en

**Emenda 196**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Biex ***jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tan-nollijiet ambjentali,*** tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali ***u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbaħħir fuq distanza qasira***, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, ***il-fjuwils u t-tipi*** ta' ***operazzjonijiet skont liema għandhom jiġu varjati in-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni*** tan-nollijiet ***għan-nollijiet*** tal-infrastruttura tal-portijiet. ***Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.*** Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u ***l-Kunsill***. | (29) Biex tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti ***u l-fjuwils. Meta jiġu adottati atti ddelegati bħal dawn***, ***il-Kummissjoni għandha tqis l-Indiċi tal-Bastimenti Ambjentali (ESI) u l-progress li sar mill-Inizjattiva tal-Klima tal-Portijiet Dinjija (WPCI). Dawn il-klassifikazzjonijiet u l-linji gwida dwar nollijiet ambjentali komuni għandhom iservu biss bħala bażi biex ikunu permessi varjazzjonijiet tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u ma għandhomx jaffettwaw il-kompetenza tal-korp maniġerjali*** ta' ***port biex jistabbilixxi l-livell*** tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ***b'mod awtonomu, bi qbil mar-regoli applikabbli***. Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill***. |

Or. en

**Emenda 197**
**Luis de Grandes Pascual**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Biex ***jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tan-nollijiet ambjentali,*** tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali ***u biex jiġu żgurati prinċipji komuni tan-*** | (29) Biex tissaħħaħ il-koerenza madwar l-Unjoni tan-nollijiet ambjentali, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti ***u*** |

| | |
|---|---|
| ***nollijiet fir-rigward tal-promozzjoni tat-tbaħħir fuq distanza qasira***, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet komuni tal-bastimenti, ***il-fjuwils u t-tipi*** ta' ***operazzjonijiet skont liema għandhom jiġu varjati in-nollijiet tal-infrastruttura u l-prinċipji komuni*** tan-nollijiet ***għan-nollijiet*** tal-infrastruttura tal-portijiet. ***Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.*** Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u ***l-Kunsill***. | ***l-fjuwils. Meta jiġu adottati atti ddelegati bħal dawn***, ***il-Kummissjoni għandha tqis l-Indiċi tal-Bastimenti Ambjentali (ESI) u l-progress li sar mill-Inizjattiva tal-Klima tal-Portijiet Dinjija (WPCI). Dawn il-klassifikazzjonijiet għandhom iservu biss bħala bażi biex ikunu permessi varjazzjonijiet tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet u ma għandhomx jaffettwaw il-kompetenza tal-korp maniġerjali*** ta' ***port biex jistabbilixxi l-livell*** tan-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet ***b'mod awtonomu, bi qbil mar-regoli applikabbli***. Meta tħejji u tfassal atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tara li ssir trasmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill***. |

Or. en

**Emenda 198**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(30) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' konsultazzjoni indipendenti. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[13].*** | ***imħassra*** |

*[13] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*

Or. en

**Emenda 199**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(30) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' konsultazzjoni indipendenti. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni [13].*** | ***imħassar*** |

*[13] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Premessa 30 tmur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Din tippermetti lill-Kummissjoni tal-UE possibbiltajiet addizzjonali ta' ndħil fi kwistjonijiet nazzjonali u mill-ġdid toħloq regolamentazzjonijiet burokratiċi addizzjonali.*

**Emenda 200**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(30) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' konsultazzjoni indipendenti. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[13] .*** | ***imħassra*** |

***[13] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***

Or. en

**Emenda 201**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(30) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' konsultazzjoni indipendenti. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni .*** | ***imħassar*** |

[13] ***ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***

Or. pl

**Emenda 202**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ***uniformi*** għall-implimentazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' konsultazzjoni indipendenti. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[13]. | (30) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ***adegwati*** għall-implimentazzjoni ta' ***din id-Direttiva***, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' konsultazzjoni indipendenti. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[13]. |
| [13] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13. | [13] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13. |

Or. fr

**Emenda 203**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa ***għall-iskambju*** ta' ***informazzjoni bejn il-korpi*** | (30) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ***ġusti u*** uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-arranġamenti xierqa ***għall-identifikazzjoni*** ta' ***korp Ewropew li d-*** |

| | |
|---|---|
| ***ta' konsultazzjoni indipendenti. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[13] .*** | ***deċiżjonijiet tiegħu jkunu vinkolanti għall-portijiet.*** |
| [13] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13. | [13] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi żgurata applikazzjoni bla xkiel u ġusta tar-Regolament, għandu jiġi identifikat korp Ewropew.*

**Emenda 204**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, speċjalment li jiġi żgurat l-immodernizzar tas-servizzi portwarji u l-qafas xieraq biex jiġu attirati investimenti neċessarji fil-portijiet kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-dimensjoni Ewropea***,*** ***in-natura*** internazzjonali u transkonfinali tal-kummerċ tal-portijiet u tal-kummerċ marittimu relatat u b'hekk, minħabba l-bżonn ta' kundizzjonijiet ekwi Ewropej, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil | (31) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, speċjalment li jiġi żgurat l-immodernizzar tas-servizzi portwarji u l-qafas xieraq biex jiġu attirati investimenti neċessarji fil-portijiet kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-dimensjoni Ewropea ***u n-natura*** internazzjonali u transkonfinali tal-kummerċ tal-portijiet u tal-kummerċ marittimu relatat u b'hekk, minħabba l-bżonn ta' kundizzjonijiet ekwi Ewropej, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil |

| | |
|---|---|
| hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jikseb dawk l-għanijiet. | hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jikseb dawk l-għanijiet. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' ftehim ulterjuri possibbli, ikun utli li jiġi ddikjarat b'mod ċar għal-liema tip ta' port japplika dan ir-Regolament.*

**Emenda 205**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 31a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31a) Ir-relazzjonijiet tax-xogħol tal-port għandhom influwenza qawwija fuq il-ħidma tal-portijiet. Għalhekk il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali settorjali għall-portijiet jagħti lill-imsieħba soċjali qafas biex jistabbilixxu riżultati fir-rigward tal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħas-saħħa u s-sikurezza, it-taħriġ u l-kwalifiki, il-politika tal-UE dwar fjuwils b'kontenut baxx ta' kubrit, u l-attrazzjoni tas-settur għall-ħaddiema żgħażagħ u għall-ħaddiema nisa. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita n-negozjati u twettaq monitoraġġ tagħhom mill-qrib. Jekk ma jintlaħaq ebda ftehim sal-2016, il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq, tressaq proposta legali.*** |

Or. en

**Emenda 206Karim Zéribi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 31a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31a) Il-kundizzjonijiet ta' xogħol fil-*** |

***portijiet għandhom influwenza kbira fuq l-effiċjenza tal-port. F'dan ir-rigward, il-Kumitati ta' Djalogu Soċjali settorjali għall-portijiet għandu jkollhom r-rwol ta' konċiljazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet soċjali, partikolarment dwar il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ta' saħħa u ta' sikurezza, ta' taħriġ u ta' kwalifika. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita n-negozjati, tappoġġjahom u tiżgura s-sorveljanza tagħhom. L-imsieħba soċjali huma mitlubin jirrappurtaw il-progress tagħhom fil-ħin mixtieq sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jiġu integrati mill-Kummissjoni meta jitfassal ir-rapport dwar l-effetti ta' din id-Direttiva.***

Or. fr

**Emenda 207**
**Knut Fleckenstein, Saïd El Khadraoui, Kathleen Van Brempt**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 31a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31a) Ir-relazzjonijiet tax-xogħol tal-port għandhom influwenza qawwija fuq l-attivitajiet u l-ħidma tal-portijiet. Għalhekk il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali settorjali għall-portijiet jista' jipprovdi lill-imsieħba soċjali tal-UE b'qafas biex ikunu jistgħu jadottaw riżultati komuni dwar kwistjonijiet soċjali relatati mar-relazzjonijiet tax-xogħol tal-port. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita, tappoġġja u toffri assistenza teknika għan-negozjati fejn meħtieġ. L-imsieħba soċjali tal-UE għandhom jiġu mistiedna jirrapportaw dwar il-progress maż-żmien, jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, sabiex l-eżiti tagħhom ikunu jistgħu jitqiesu mill-Kummissjoni meta tirrapporta dwar l-effett ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 208**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 31a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31a) Ir-relazzjonijiet tax-xogħol tal-port għandhom influwenza qawwija fuq il-ħidma tal-portijiet. Għalhekk il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali settorjali għall-portijiet jagħti lill-imsieħba soċjali qafas biex jistabbilixxu riżultati fir-rigward ta' kwistjonijiet bħal kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba, saħħa u sikurezza okkupazzjonali, taħriġ u kwalifiki. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita n-negozjati, tappoġġjahom u timmonitorjahom mill-qrib. L-imsieħba soċjali għandhom jitħeġġu jirrapportaw dwar il-progress maż-żmien sabiex il-progress ikun jista' jitqies mill-Kummissjoni meta tirrapporta dwar l-effett ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 209**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 31b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31b) Dan ir-Regolament ma jimponix mudell speċifiku għall-ġestjoni tal-port li jippreskrivi status, rwol jew missjoni speċifiċi għall-korpi maniġerjali tal-port. Diment li r-regoli dwar l-aċċess għas-suq u t-trasparenza finanzjarja jiġu rispettati, il-mudelli għall-ġestjoni tal-port tal-Istati Membri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jistgħu jinżammu. Dan jinkludi mudelli li jiddelegaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-ġestjoni tal-port lill-entitajiet pubbliċi li jissalvagwardjaw l-interess ġenerali tal-port.*** |

Or. en

**Emenda 210**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 1*** | ***imħassar*** |
| ***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*** | |
| ***1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:*** | |
| ***(a) qafas ċar għal aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji;*** | |
| ***(b) regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja u n-nollijiet li għandhom jiġu applikati minn korpi tal-ġestjoni jew fornituri ta' servizzi portwarji.*** | |
| ***2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet.*** | |
| ***(a) bunkering*** | |
| ***(b) immaniġġjar tal-merkanzija;*** | |
| ***(c) tħammil;*** | |
| ***(d) irmiġġ;*** | |
| ***(e) servizzi tal-passiġġieri;*** | |
| ***(f) faċilitajiet ta' lqugħ fil-port;*** | |
| ***(g) pilotaġġ u;*** | |
| ***(h) rmonk.*** | |
| ***3. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T].*** | |
| ***4. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll dan ir-Regolament għal portijiet marittimi oħrajn. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw dan ir-Regolament għal*** | |

***portijiet marittimi oħrajn, għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'din id-deċiżjoni.***

Or. nl

**Emenda 211**
**Inés Ayala Sender**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(a) qafas ċar għal aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji;*** | ***imħassar*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għat-titjib tat-trasparenza f'dak li jirrigwarda l-portijiet. Trasparenza tal-flussi finanzjarji, għajnuniet mill-Istat, għajnuniet Ewropej li jistgħu jirċievu l-portijiet, eċċ.*

**Emenda 212**
**Jean-Pierre Audy**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) qafas ***ċar*** għal aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji; | (a) qafas għal aċċess għas-suq tas-servizzi portwarji; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemm l-ebda interess li jiżdied l-aġġettiv "ċar". Nipproponi t-tħassir tiegħu li ma jżid xejn mat-test fuq livell ġuridiku.*

**Emenda 213**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet. | 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet***, jekk ikunu organizzati bħala attivitajiet ekonomiċi***. |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan tar-Regolament huwa li jkun hemm aċċess liberu għas-suq għal ċertu servizzi tal-port sakemm ikunu organizzati bħala attività ekonomika. Din l-Emenda għandha l-għan li tikkunsidra l-libertà tal-Istati Membri li jorganizzaw servizzi mhux ekonomiċi filwaqt li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat rigward trattament ugwali, nuqqas ta' diskriminazzjoni, trasparenza u l-moviment liberu tal-persuni.*

**Emenda 214**
**Ivo Belet, Marianne Thyssen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet. | 2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet***, jekk ikunu organizzati bħala attivitajiet ekonomiċi***. |

Or. nl

**Emenda 215**
**Dieter-Lebrecht Koch**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan ir-Regolament għandu japplika | 2. Dan ir-Regolament għandu japplika |

| | |
|---|---|
| għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet. | għad-dispożizzjoni tal-kategoriji ta' servizzi portwarji li ġejjin, jew ġewwa ż-żona tal-port jew fl-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma lejn u mill-portijiet***, u għat-tħammil***. |

Or. en

**Emenda 216**
**Philip Bradbourn, Jacqueline Foster**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) immaniġġjar tal-merkanzija;*** | ***imħassar*** |

Or. en*Ġustifikazzjoni*

*Mhux xieraq li għandhom jiġu regolati tali nollijiet f'portijiet mhux sussidjati f'suq kompetittiv, lanqas li tiġi esposta l-bażi tal-ispejjeż għall-klijenti tal-port fi tranżazzjonijiet bejn in-negozji meta ma jkun hemm ebda rekwiżit reċiproku fuq il-parti l-oħra.*

**Emenda 217**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) tħammil;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 218**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) tħammil;*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Kif innota l-Kunsill Federali tal-Ġermanja, it-tħammil mhuwiex parti mis-suq ta' servizzi portwarji iżda jissodisfa kompitu pubbliku għall-assigurazzjoni tal-aċċess marittimu għall-portijiet. L-inklużjoni f'dan ir-Regolament hija żbaljata.*

**Emenda 219**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) tħammil;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 220**
**Carlo Fidanza, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) irmiġġ;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 221**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) irmiġġ;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 222**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(d) irmiġġ;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 223**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(d) irmiġġ;*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dan għandu jiġi eskluż, fost l-oħrajn, minħabba kwistjonijiet ta' sigurtà.*

**Emenda 224**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (f) ***irmiġġ***; | (f) ***trakkar***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*It-traduzzjoni Franċiża tesprimi b'mod żbaljat is-servizz ta' rmiġġ, li l-isem tiegħu huwa trakkar.*

**Emenda 225**
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) ***irmiġġ***; | (f) ***trakkar***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "irmiġġ" huwa restrittiv wisq fir-rigward tal-kunċett preċiża ta' "trakkar" bil-Franċiż, li tkopri l-operazzjonijiet ta' rmiġġ, tneħħija mill-irmiġġ u tmexxija tal-bastimenti.*

**Emenda 226**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) faċilitajiet ta' lqugħ fil-port;*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Kif innota l-Kunsill Federali tal-Ġermanja, il-faċilitajiet ta' lqugħ fil-port mhumiex parti mis-suq ta' servizzi portwarji. Dawn jissodisfaw kompitu pubbliku għaż-żamma tal-indafa fil-portijiet, li hija essenzjali.*

**Emenda 227**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) pilotaġġ u;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 228**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(g) pilotaġġ u;*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Kif innota l-Kunsill Federali tal-Ġermanja, is-servizzi ta' pilotaġġ mhumiex parti mis-suq ta' servizzi portwarji. Iktar minn hekk jiżguraw l-attivitajiet kruċjali għall-assigurazzjoni tas-sigurtà nawtika fil-portijiet kif ukoll kompiti kruċjali għas-sigurtà tal-portijiet u mhumiex parti mis-suq ta' servizzi portwarji. Wara din il-formulazzjoni tal-Kummissjoni ċertament hemm il-kumpaniji kbar tat-tbaħħir bil-kontejners, li permezz ta' dan iridu jbaxxu s-salarji tal-bdoti.*

**Emenda 229**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) rmonk.*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 230**
**David-Maria Sassoli, Franco Frigo**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) rmonk.*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 231**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt h**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(h) rmonk.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 232**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt h**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(h) rmonk.*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 233**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. ***Dan ir-Regolament għandu japplika*** għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T]. | 3. ***Din id-Direttiva għandha tapplika*** għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk ***ċentrali tan-netwerk*** trans-Ewropew tat-trasport, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T]. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-limitazzjoni tal-applikazzjoni tat-test għall-portijiet tan-netwerk ċentrali tat-TEN-T dehret iktar xierqa. Il-paragrafu ta' wara tal-istess Artikolu jippermetti diġà li tinftiehem l-applikazzjoni tat-test għall-portijiet l-oħra fuq deċiżjoni ta' kull Stat Membru.*

**Emenda 234**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T]. | (3) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet marittimi ***u l-portijiet fluvjo-marittimi*** kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T]. |

Or. ro

**Emenda 235**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll dan ir-Regolament għal servizzi tal-portijiet oħrajn. F'dan il-każ, dawn għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-lista msemmija fil-paragrafu 2 hija lista magħluqa. Dan il-paragrafu jiżdied biex jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jpoġġu servizzi tal-port oħrajn taħt il-kappa tar-Regolament.*

**Emenda 236**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. nl

**Emenda 237**
**Giommaria Uggias**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jġorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew ***transitu*** ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal relevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija, iżda esklużi l-ħżin fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud relatat mal-merkanzija mmaniġġjata; | 2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jġorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew ***tranżitu*** ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal relevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija, iżda esklużi l-ħżin fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud relatat mal-merkanzija mmaniġġjata ***fil-portijiet***; |

Or. it

**Emenda 238**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jġorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew ***transitu*** ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal relevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija, ***iżda esklużi l-ħżin*** fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud relatat mal-merkanzija mmaniġġjata; | 2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jġorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew ***tranżitu*** ta' merkanzija, inklużi ***l-iżgurar u r-rilaxx,*** l-ipproċessar, ***l-irbit,*** it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal relevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija, ***inkluż il-ħżin*** fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud ***imwettaq fil-port marittimu*** relatat mal-merkanzija mmaniġġjata; |

Or. nl

**Emenda 239**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jġorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew ***transitu*** ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal relevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija ***u marbut direttament mat-trasportar tal-merkanzija, iżda eskluż*** il-ħżin fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid ***jew kwalunkwe servizz ieħor ta' valur miżjud relatat mal-merkanzija mmaniġġjata***; | 2. "servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija" tfisser l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-merkanzija bejn il-bastiment tat-trasport fuq l-ilma li jġorr u x-xatt kemm jekk għal importazzjoni, esportazzjoni jew ***tranżitu*** ta' merkanzija, inklużi l-ipproċessar, it-trasport jew il-ħżin temporanju tal-merkanzija fit-terminal relevanti ta' mmaniġġjar tal-merkanzija**,** il-ħżin fl-imħażen, l-istrippaġġ, l-imballaġġ mill-ġdid ***u servizzi oħra direttament relatati mat-trasport tal-merkanzija***; |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prattiki ta' ġestjoni tal-merkanzija f'terminali portwarji f'xi Stati Membri spiss jinkludu l-ħżin fl-imħażen, il-formazzjoni u l-istrippaġġ ta' kontenituri, kif ukoll l-imballaġġ mill-ġdid. Jekk id-dispożizzjoni li tiddefinixxi l-ġestjoni tal-merkanzija fir-Regolament ma tiġix modifikata, tista' twassal għal sitwazzjoni li fiha d-diversi servizzi provduti minn aġenzija ta' port unika jkunu suġġetti għal regolamentazzjoni separata.*

**Emenda 240**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. "tħammil" tfisser it-tneħħija ta' ramel, naqal jew sustanzi oħrajn minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port sabiex bastiment tat-trasport fuq l-ilma jkun jista' jaċċessa l-port u tinvolvi kemm*** | ***imħassar*** |

***it-tneħħija inizjali (tħammil kapitali) kif ukoll it-tħammil ta' manutenzjoni biex il-passaġġ fuq l-ilma jibqa' aċċessibbli;***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Emenda 14, li skontha "tħammil" fl-Artikolu 1, 2c għandu jiġi mħassar, hekk ukoll għandu jiġi mħassar dan il-punt.*

**Emenda 241**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. "tħammil" tfisser it-tneħħija ta' ramel, naqal jew sustanzi oħrajn minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port sabiex bastiment tat-trasport fuq l-ilma jkun jista' jaċċessa l-port u tinvolvi kemm it-tneħħija inizjali (tħammil kapitali) kif ukoll it-tħammil ta' manutenzjoni biex il-passaġġ fuq l-ilma jibqa' aċċessibbli; | 3. "tħammil" tfisser it-tneħħija ta' ramel, naqal jew sustanzi oħrajn minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port ***jew ġol-port innifsu*** sabiex bastiment tat-trasport fuq l-ilma jkun jista' jaċċessa l-port u tinvolvi kemm it-tneħħija inizjali (tħammil kapitali) kif ukoll it-tħammil ta' manutenzjoni biex il-passaġġ fuq l-ilma jibqa' aċċessibbli; |

Or. ro

**Emenda 242**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. "tħammil" tfisser it-tneħħija ta' ramel, naqal jew sustanzi oħrajn minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port sabiex bastiment tat-trasport fuq l-ilma jkun jista' jaċċessa l-port u tinvolvi kemm it-tneħħija inizjali (tħammil kapitali) kif ukoll it-tħammil ta' manutenzjoni biex il-passaġġ fuq l-ilma jibqa' aċċessibbli; | 3. "tħammil" tfisser it-tneħħija ta' ramel, naqal jew sustanzi oħrajn minn qiegħ l-aċċess tal-passaġġ fuq l-ilma għal port sabiex bastiment tat-trasport fuq l-ilma jkun jista' jaċċessa l-port u tinvolvi kemm it-tneħħija inizjali (tħammil kapitali) kif ukoll it-tħammil ta' manutenzjoni biex il-passaġġ fuq l-ilma jibqa' aċċessibbli***, u dan*** |

| | |
|---|---|
| | ***mhuwiex servizz tal-port offrut lill-utenti***; |

Or. en

**Emenda 243**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. "korp maniġerjali tal-port" tfisser kull korp pubbliku jew privat, kemm jekk flimkien ma' attivitajiet oħrajn jew le, għandu l-objettiv tiegħu skont il-liġi jew l-istrumenti nazzjonali u l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tal-port, ***it-traffiku tal-port,*** il-koordinazzjoni u, fejn xieraq, il-kontroll tal-attivitajiet tal-operaturi preżenti fil-port ikkonċernat; | 5. "korp maniġerjali tal-port" tfisser kull korp pubbliku jew privat, kemm jekk flimkien ma' attivitajiet oħrajn jew le, għandu l-objettiv tiegħu skont il-liġi jew l-istrumenti nazzjonali u l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastrutturi tal-port, il-koordinazzjoni u, fejn xieraq, ***it-twettiq, l-organizzazzjoni jew*** il-kontroll tal-attivitajiet tal-operaturi preżenti fil-port ikkonċernat***, l-amministrazzjoni u l-ġestjoni tat-traffiku tal-port fil-port ikkonċernat, kif ukoll l-ippjanar tat-territorju tal-port***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Flimkien mal-emenda tar-rapporteur, li fiha distinzjoni li tkopri r-responsabbiltajiet differenti attribwiti mal-korpi maniġerjali tal-port fl-Istati Membri, għandhom jissemmew ukoll il-kompetenzi dwar l-ippjanar tat-territorju tal-port, li għandu impatt partikolari fuq l-interkonnessjoni mal-infrastrutturi u l-attivitajiet ekonomiċi l-oħrajn.*

**Emenda 244**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. "l-irmiġġ" tfisser is-servizzi tal-ittrakkar meħtieġa biex bastimenti fuq l-ilma jankraw jew inkella jiwaħħlu max-xatt fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni*** | ***imħassar*** |

***b'aċċess għall-port;***

Or. it

**Emenda 245**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***6. "l-irmiġġ" tfisser is-servizzi tal-ittrakkar meħtieġa biex bastimenti fuq l-ilma jankraw jew inkella jiwaħħlu max-xatt fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni b'aċċess għall-port;*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Emenda 15, li skontha "l-irmiġġ" fl-Artikolu 1, 2d għandu jiġi mħassar, hekk ukoll għandu jiġi mħassar dan il-punt.*

**Emenda 246**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 6. "***l-irmiġġ***" tfisser is-servizzi tal-ittrakkar meħtieġa biex bastimenti fuq l-ilma jankraw jew inkella ***jiwaħħlu*** max-xatt fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni b'aċċess għall-port; | 6. "***l-ittrakkar***" tfisser is-servizzi tal-ittrakkar ***inkarigati mill-operazzjonijiet ta' rmiġġ, tneħħija tal-irmiġġ u tmexxija tal-bastimenti*** meħtieġa biex bastimenti fuq l-ilma jankraw jew inkella ***jitwaħħlu*** max-xatt fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni b'aċċess għall-port; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiġi kkjarifikata d-definizzjoni. Il-verżjoni Franċiża tirreferi għall-irmiġġ, u mhux*

*għall-ittrakkar. Barra minn hekk, l-ittrakkar jiġbor tliet tipi ta' operazzjoni: l-irmiġġ, it-tmexxija tal-bastimenti u t-tneħħija tal-irmiġġ.*

**Emenda 247**
**Georgios Koumoutsakoss**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. "l-irmiġġ" tfisser is-servizzi tal-ittrakkar meħtieġa biex bastimenti fuq l-ilma ***jankraw jew inkella*** jitwaħħlu max-xatt fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni b'aċċess għall-port; | 6. "l-irmiġġ" tfisser is-servizzi tal-ittrakkar meħtieġa biex bastimenti fuq l-ilma jitwaħħlu max-xatt fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni b'aċċess għall-port***, biex b'hekk jippermettu lill-passiġġieri u persuni oħra, oġġetti jew it-tagħbija li jiġu trasferiti b'mod sikur fuq jew barra mill-bastiment***; |

Or. el

**Emenda 248**
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***"l-irmiġġ"*** tfisser is-servizzi ***tal-ittrakkar meħtieġa biex bastimenti fuq l-ilma jankraw jew inkella jiwaħħlu max-xatt*** fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni b'aċċess ***għall-port***; | 6. ***"l-ittrakkar"*** tfisser is-servizzi***, it-tagħmir tal-art u marittimu u l-persunal maħsubin għall-operazzjonijiet tal-irmiġġ, tat-tmexxija tal-bastimenti u tat-tneħħija tal-irmiġġ ta' bastiment*** fil-port jew f'passaġġi tal-ilma interni b'aċċess ***għall-infrastrutturi tal-port***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "irmiġġ" huwa restrittiv wisq fir-rigward tan-nozzjoni preċiża ta' "trakkar" bil-Franċiż, li tkopri l-operazzjonijiet ta' rmiġġ, tneħħija mill-irmiġġ u tmexxija tal-bastimenti.*

**Emenda 249**
**Sabine Wils**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. "pilotaġġ" tfisser is-servizz ta' gwida ta' bastiment tat-trasport fuq l-ilma minn bdot jew stazzjon ta' pilotaġġ biex ikun jista' jsir dħul jew ħruġ sikur tal-bastiment fl-aċċess mill-passaġġi fuq l-ilma lejn il-port;*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Emenda 17, li skontha s-servizzi ta' pilotaġġ fl-Artikolu 1 punt 2(g) għandu jiġi mħassar, hekk ukoll għandu jiġi mħassar dan il-punt.*

**Emenda 250**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. "pilotaġġ" tfisser is-servizz ta' gwida ta' bastiment tat-trasport fuq l-ilma minn bdot jew stazzjon ta' pilotaġġ biex ikun jista' jsir dħul jew ħruġ sikur tal-bastiment fl-aċċess mill-passaġġi fuq l-ilma lejn il-port; | 8. "pilotaġġ" tfisser is-servizz ta' gwida ta' bastiment tat-trasport fuq l-ilma minn bdot jew stazzjon ta' pilotaġġ biex ikun jista' jsir dħul jew ħruġ sikur tal-bastiment fl-aċċess mill-passaġġi fuq l-ilma lejn il-port ***u fin-navigazzjoni lejn u mill-baħar miftuħ***; |

Or. ro

**Emenda 251**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. "noll tal-infrastruttura tal-port" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju ***dirett jew indirett*** tal-korp maniġerjali tal-port u | 9. "noll tal-infrastruttura tal-port" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju tal-korp maniġerjali tal-port u mħallsa mill- |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| mħallsa mill-operaturi tal-bastimenti tat-trasport fuq l-ilma jew is-sidien tal-merkanzija biex jużaw il-faċilitajiet u s-servizzi li jippermettu lill-bastimenti jidħlu u joħorġu mill-port, inklużi l-passaġġi fuq l-ilma li jagħtu aċċess għal dawk il-portijiet, kif ukoll aċċess għall-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija; | operaturi tal-bastimenti tat-trasport fuq l-ilma jew is-sidien tal-merkanzija biex jużaw ***l-infrastrutturi,*** il-faċilitajiet u s-servizzi ***fil-kontroll u l-ġestjoni amministrattiva tal-korp maniġerjali tal-port,*** li jippermettu lill-bastimenti jidħlu u joħorġu mill-port, inklużi l-passaġġi fuq l-ilma li jagħtu aċċess għal dawk il-portijiet, kif ukoll aċċess għall-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija ***kif ukoll ta' konnessjonijiet portwarji tal-art***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tiġġustifika lilha nnifisha.*

**Emenda 252**
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 9. "noll tal-infrastruttura tal-port" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju ***dirett jew indirett*** tal-korp maniġerjali tal-port u mħallsa mill-operaturi tal-bastimenti tat-trasport fuq l-ilma jew is-sidien tal-merkanzija biex jużaw il-faċilitajiet u s-servizzi li jippermettu lill-bastimenti jidħlu u joħorġu mill-port, inklużi l-passaġġi fuq l-ilma li jagħtu aċċess ***għal dawk il-portijiet, kif ukoll*** aċċess għall-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija; | 9. "noll tal-infrastruttura tal-port" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju tal-korp maniġerjali tal-port u mħallsa mill-operaturi tal-bastimenti tat-trasport fuq l-ilma jew is-sidien tal-merkanzija biex jużaw il-faċilitajiet u s-servizzi li jippermettu lill-bastimenti jidħlu u joħorġu mill-port, inklużi l-passaġġi fuq l-ilma li jagħtu aċċess ***għall-port fil-każijiet fejn dawn il-passaġġi huma ġestiti u mmexxija mill-port stess,*** aċċess għall-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija***, kif ukoll l-konnessjonijiet portwarji tal-art***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi speċifikat li l-passaġġi tal-art għall-port jistgħu jkunu soġġetti għal tariffi fil-każ fejn ikunu ġestiti effettivament mill-port ikkonċernat.*

**Emenda 253**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. "noll ***tal-infrastruttura tal-port***" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju dirett jew indirett tal-korp ***maniġerjali*** tal-port ***u mħallsa mill-operaturi tal-bastimenti tat-trasport*** fuq l-ilma ***jew is-sidien tal-merkanzija biex jużaw il-faċilitajiet u s-servizzi li jippermettu lill-bastimenti jidħlu u joħorġu mill-port***, inklużi ***l-passaġġi*** fuq l-ilma li jagħtu aċċess ***għal dawk il-portijiet, kif ukoll aċċess għall-ipproċessar ta' passiġġieri u merkanzija***; | 9. "noll ***tas-servizz portwarju***" tfisser tariffa miġbura għall-benefiċċju dirett jew indirett tal-korp ***ta' ġestjoni*** tal-port ***jew passaġġ*** fuq l-ilma ***li jagħti aċċess***, ***kif xieraq, u li hu mħallas mill-utenti kollha tal-infrastrutturi tal-port,*** inklużi ***infrastrutturi tas-servizz tal-passaġġ, faċilitajiet tal-port essenzjali u passaġġi*** fuq l-ilma li jagħtu aċċess ***għall-port***; |

Or. ro

**Emenda 254**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. "faċilità tal-akkoljenza tal-port" tfisser kwalunkwe faċilità, li hija fissa, tifflowtja jew mobbli u kapaċi tirċievi l-iskart iġġenerat mill-bastimenti u mill-fdalijiet tal-merkanzija kif definit fid-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija[14];*** | ***imħassar*** |

***[14] ĠU L 332, 28.12.2000, p.81-9***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Emenda 16, li skontha l-faċilitajiet ta' lqugħ tal-port fl-Artikolu 1 punt 2(f) għandu jiġi mħassar, hekk ukoll għandu jiġi mħassar dan il-punt.*

**Emenda 255**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. "kuntratt ta' servizz portwarju" tfisser ftehim formali u legalment vinkolanti bejn fornitur ta' servizz portwarju u awtorità kompetenti li fih dan il-korp jagħżel fornitur tas-servizz portwarju biex jipprovdi servizzi portwarji wara proċedura ta' limitazzjoni tan-numru ta' fornituri tas-servizzi portwarji; | 12. "kuntratt ta' servizz portwarju" tfisser ftehim formali u legalment vinkolanti bejn fornitur ta' servizz portwarju u awtorità kompetenti li fih dan il-korp jagħżel fornitur tas-servizz portwarju biex jipprovdi servizzi portwarji wara proċedura ta' limitazzjoni tan-numru ta' fornituri tas-servizzi portwarji***, mingħajr ħsara għall-proċeduri ta' ħatra tal-fornituri ta' servizz portwarji li jeżistu fl-Istati Membri***; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett ta' kuntratt ta' servizz portwarji propost ma jikkorrispondix mal-prattika ta' ċerti Stati Membri.*

**Emenda 256**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. "fornitur ta' servizzi portwarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi, jew li tixtieq tipprovdi, ***bi ħlas,*** waħda mill-kategoriji ta' servizzi portwarji elenkati fl-Artikolu 1(2); | 13. "fornitur ta' servizzi portwarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi, jew li tixtieq tipprovdi, waħda mill-kategoriji ta' servizzi portwarji elenkati fl-Artikolu 1(2); |

Or. en

**Emenda 257**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. "fornitur ta' servizzi portwarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi, ***jew li tixtieq tipprovdi***, bi ħlas, waħda mill-kategoriji ta' servizzi portwarji elenkati fl-Artikolu 1(2); | 13. "fornitur ta' servizzi portwarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi, ***f'qafas regolat***, bi ħlas, waħda mill-kategoriji ta' servizzi portwarji elenkati fl-Artikolu 1(2); |

Or. ro

**Emenda 258**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. "fornitur ta' servizzi portwarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi, jew li tixtieq tipprovdi, bi ħlas, waħda mill-kategoriji ta' servizzi portwarji ***elenkati fl-Artikolu 1(2)***; | 13. "fornitur ta' servizzi portwarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi, jew li tixtieq tipprovdi, bi ħlas, waħda mill-kategoriji ta' servizzi portwarji ***organizzati bħala attività ekonomika***; |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Emenda għall-Artikolu 1(2), huwa propost li l-Istati Membri (jew awtoritajiet kompetenti jew korpi oħra tal-ġestjoni ta' port li lilhom tiġi delegata r-responsabbiltà) jingħataw is-setgħa li jiddeċiedu jekk servizz ta' port għandux jitqies bħala attività ekonomika.*

**Emenda 259**
**Ivo Belet, Marianne Thyssen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. "fornitur ta' servizzi portwarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi, jew li tixtieq tipprovdi, bi ħlas, | 13. "fornitur ta' servizzi portwarji" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi, jew li tixtieq tipprovdi, bi ħlas, |

| | |
|---|---|
| waħda mill-kategoriji ta' servizzi portwarji elenkati fl-Artikolu 1(2); | waħda mill-kategoriji ta' servizzi portwarji elenkati fl-Artikolu 1(2) ***jekk organizzata bħala attività ekonomika***; |

Or. nl

**Emenda 260**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. "port marittimu" tfisser żona ta' art u ilma msawra minn tali xogħlijiet u tagħmir sabiex jippermetti, prinċipalment, l-ilqugħ ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, ir-riċevuta u l-forniment ta' dawn il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri; u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fi ħdan iż-żona tal-port; | 16. "port marittimu" tfisser żona ta' art u ilma msawra minn tali xogħlijiet u tagħmir sabiex jippermetti, prinċipalment, l-ilqugħ ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, ir-riċevuta u l-forniment ta' dawn il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri ***u ta' persuni oħra***; u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fi ħdan iż-żona tal-port; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Persuni oħrajn apparti l-passiġġieri jistgħu jimbarkaw jew jiżbarkaw. Barra minn hekk, l-aħħar parti tal-Paragrafu tippermetti li ma jkunx hemm viżjoni limitattiva tal-infrastrutturi portwarji, sabiex jiġu inklużi pereżempju l-infrastrutturi neċessarji għat-tiswija tal-bastimenti.*

**Emenda 261**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. "port marittimu" tfisser żona ta' art u ilma msawra minn tali xogħlijiet u tagħmir sabiex jippermetti, prinċipalment, l-ilqugħ ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' prodotti, ir-riċevuta u l- | 16. "port marittimu" tfisser żona ta' art u ilma ***delimitata*** msawra minn tali xogħlijiet u tagħmir sabiex jippermetti, prinċipalment, l-ilqugħ ta' bastimenti, it-tagħbija u l-ħatt tagħhom, il-ħżin ta' |

| | |
|---|---|
| forniment ta' dawn il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri; u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fi ħdan iż-żona tal-port; | prodotti, ir-riċevuta u l-forniment ta' dawn il-prodotti u l-imbark u l-iżbark tal-passiġġieri; u kwalunkwe infrastruttura oħra meħtieġa għall-operaturi tat-trasport fi ħdan iż-żona tal-port; |

Or. ro

**Emenda 262**
**Carlo Fidanza**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***17. "irmonk" tfisser l-assistenza lil bastiment tat-trasport fuq l-ilma permezz ta' irmonkatur biex ikunu jistgħu jsiru d-dħul jew il-ħruġ sikuri mill-port billi tingħata assistenza fl-immanuvrar tal-bastiment tat-trasport fuq l-ilma;*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 263**
**Sabine Wils**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***17. "irmonk" tfisser l-assistenza lil bastiment tat-trasport fuq l-ilma permezz ta' irmonkatur biex ikunu jistgħu jsiru d-dħul jew il-ħruġ sikuri mill-port billi tingħata assistenza fl-immanuvrar tal-bastiment tat-trasport fuq l-ilma;*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-Emenda 18, li skontha "irmonk" fl-Artikolu 1, 2h għandu jiġi mħassar, hekk ukoll għandu jiġi mħassar dan il-punt.*

**Emenda 264**
**Jutta Steinruck**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. "sottokuntrattur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe entità legali, li tiġi fdata l-eżekuzzjoni ta' parti mill-obbligi jew l-obbligi kollha ta' kuntratt minn qabel;*** |

Or. en

**Emenda 265**
**Mathieu Grosch, Ivo Belet, Marianne Thyssen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. "infrastruttura tal-aċċess u d-difiża" tfisser l-infrastruttura kollha li tippermetti aċċess mill-baħar u mill-art għal żona tal-port li tinkludi xogħlijiet ta' aċċess u difiża marittimi, konnessjonijiet ta' aċċess mill-art għall-faċilitajiet ta' trasport ġenerali u infrastruttura għall-utilitajiet meħtieġa għall-attivitajiet fiż-żona tal-port;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-infrastruttura tal-portijiet teħtieġ approċċ speċifiku. B'mod partikolari, hija meħtieġa definizzjoni aktar ċara ta' infrastrutturi tal-portijiet differenti.*

**Emenda 266**
**Phil Bennion**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***18a. "port bi sjieda u operazzjoni privata" tfisser port li ma jkunx fil-pussess ta' awtorità nazzjonali, reġjun, provinċja jew muniċipalità jew operat minnhom;*** |

Or. en

**Emenda 267**
**Mathieu Grosch, Ivo Belet, Marianne Thyssen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***18b. "infrastruttura tat-terminals jew marbuta ma' proġett" tfisser xogħlijiet ċivili f'żona ta' port li tinkludi mraqad użati għall-irmiġġ ta' bastimenti, ir-reklamazzjoni tal-art użata għall-kostruzzjoni tat-terminal, tħammil tul l-imraqad u aċċess għat-terminals mill-faċilitajiet tat-trasport tal-pubbliku ġenerali fiż-żona tal-port, imsemmija fl-Artikolu 2(1)(18a);*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-infrastruttura tal-portijiet teħtieġ approċċ speċifiku. B'mod partikolari, hija meħtieġa definizzjoni aktar ċara ta' infrastrutturi tal-portijiet differenti.*

**Emenda 268**
**Mathieu Grosch, Ivo Belet, Marianne Thyssen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***18c. "soprastruttura tal-port" tfisser arranġamenti tal-wiċċ, imħażen, workshops, bini tal-uffiċċji, tagħmir mobbli u fiss, sistemi ta' informazzjoni u*** |

***awtomatizzazzjoni meħtieġa biex jitwettqu s-servizzi tal-port imsemmija fl-Artikolu 2(2);***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-infrastruttura tal-portijiet teħtieġ approċċ speċifiku. B'mod partikolari, hija meħtieġa definizzjoni aktar ċara ta' infrastrutturi tal-portijiet differenti.*

**Emenda 269**
**Jutta Steinruck**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu -3 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -3*** |
| | ***Sottokuntrattar*** |
| | ***1. Fornitur tas-servizzi tal-port kif identifikat fl-Artikolu 2(13) jista' ma jissottokuntrattax servizzi ħlief jekk ma jkunx jista' b'mod temporanju jipprovdi dawn is-servizzi minħabba forza maġġuri. Azzjoni kollettiva ma għandhiex titqies bħala forza maġġuri.*** |
| | ***2. Is-sottokuntratturi jistgħu ma jissottokuntrattawx servizzi tal-port.*** |
| | ***3. Kwalunkwe fornitur tas-servizzi tal-port li juża sottokuntrattur wieħed jew aktar għandu jinforma lill-korp manġerjali tal-port bl-isem u l-attivitajiet tas-sottokuntratturi kkonċeranati.*** |
| | ***4. Meta impjegatur ikun sottokuntrattur u mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar id-drittijiet tal-kontribuzzjoni u r-rikors, jew tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà soċjali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntrattur li tiegħu l-impjegatur huwa sottokuntrattur dirett jista', addizzjonalment għal jew minflok l-impjegatur, jinżamm*** |

| | |
|---|---|
| | ***responsabbli li jħallas:*** |
| | ***(a) kwalunkwe sanzjoni finanzjarja imposta; u*** |
| | ***(b) kwalunkwe ħlasijiet b'lura*** |
| | ***5. Meta l-fornitur tas-servizz ikun sottokuntrattur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntrattur ewlieni u kull sottokuntrattur intermedjarju, meta dawn ikunu jafu li s-sottokuntrattur li jimpjega kien qed jimpjega ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment, dawn jistgħu jinżammu responsabbli biex jagħmlu l-ħlasijiet identifikati fil-paragrafu 4 addizzjonalment għal jew minflok is-sottokuntrattur li jimpjega jew il-kuntrattur li l-impjegatur huwa sottokuntrattur dirett tiegħu.*** |
| | ***6. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu regoli aktar stretti dwar ir-responsabbiltà skont il-liġi nazzjonali.*** |
| | ***7. Is-sottokuntratturi għandhom ikunu kapaċi jagħtu prova tar-reputazzjoni tajba tagħhom fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol, inkluża l-applikazzjoni tal-liġijiet u l-ftehimiet għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza.*** |

Or. en

**Emenda 270**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 3*** | ***imħassar*** |
| ***Il-libertà li jiġu provduti servizzi*** | |
| ***1. Il-libertà ta' forniment tas-servizzi f'portijiet marittimi koperti minn dan ir-Regolament għandha tapplika għall-fornituri ta' servizzi portwarji stabbiliti fl-Unjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti*** | |

***f'dan il-Kapitolu.***

***2. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandu jkollhom aċċess għal faċilitajiet essenzjali tal-portijiet sakemm huwa meħtieġ biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom. It-termini tal-aċċess għandhom ikunu ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji.***

Or. nl

**Emenda 271**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 4*** | ***imħassar*** |
| ***Rekwiżiti minimi għall-forniment ta' servizzi portwarji*** | |
| ***1. Il-korp maniġerjali tal-port jista' jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti.*** | |
| ***2. Fejn dawn ikunu applikabbli, ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu relatati biss:*** | |
| ***(a) mal-kwalifiki professjonali tal-fornitur tas-servizz portwarji, il-persunal tiegħu jew il-persuni fiżiċi li effettivament u kontinwament ikunu qegħdin jimmaniġġjaw l-attivitajiet tal-fornitur tas-servizz portwarju;*** | |
| ***(b) mat-tagħmir meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju relevanti f'kundizzjonijiet normali u sikuri u l-kapaċità li dan it-tagħmir jinżamm fil-livell xieraq;*** | |
| ***(c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir u l-persuni*** | |

***tiegħu;***

***(d) mal-konformità mar-rekwiżiti lokali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali dwar l-ambjent.***

***3. Ir-rekwiżiti minimi għandhom ikunu trasparenti, nondiskriminatorju, oġġettiv u rilevanti għall-kategorija u n-natura tas-servizzi portwarji kkonċernati.***

***4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu għarfien lokali speċifiku jew ftit tagħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port għandu jara li hemm aċċess adegwat għat-taħriġ relevanti, b'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji, sakemm l-aċċess adegwat għat-tali taħriġ ma jkunx iggarantit mill-Istat Membru.***

***5. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura għall-għoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port sal-1 ta' Lulju 2015 jew għal rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal-inqas tliet xhur qabel id-data li fiha dawk ir-rekwiżiti jsiru appikabbli. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandhom jiġu mgħarrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura.***

Or. nl

**Emenda 272**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Il-korp maniġerjali*** tal-port ***jista' jitlob*** lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex | 1. ***L-awtorità*** tal-port ***jew l-awtorità kompetenti tista' titlob*** lill-fornituri ta' |

| | |
|---|---|
| iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti. | servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Ċerti rekwiżiti jkunu aktar pertinenti jekk jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali iktar milli lokali, bħall-eżempju tal-kwalifiki professjonali.*

**Emenda 273**
**Kathleen Van Brempt, Saïd El Khadraoui**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korp maniġerjali tal-port jista' jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti. | 1. ***Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jimponi obbligi ta' servizz pubbliku taħt l-Artikolu 8,*** il-korp maniġerjali tal-port jista' jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti. |

Or. nl

*Ġustifikazzjoni*

***Anke meta l-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-port ma jkunx limitat, jista' jkun meħtieġ li jiġu imposti obbligi ta' servizz pubbliku għall-prevenzjoni ta' ċerti fatturi (għażla mhux ikkontrollata, problemi ta' koordinazzjoni, eċċ.) li jwasslu għal distorsjoni tas-suq.***

**Emenda 274**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-korp maniġerjali tal-port ***jista'*** jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji sabiex jikkonformaw ma' rekwiżiti minimi biex | 1. Il-korp maniġerjali tal-port ***għandu*** jitlob lill-fornituri ta' servizzi portwarji |

| | |
|---|---|
| iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti. | sabiex jikkonformaw ma’ rekwiżiti minimi biex iwettqu s-servizz tal-portijiet korrispondenti. |

Or. fr*Ġustifikazzjoni*

*Il-karattru fakultattiv ta’ din id-dispożizzjoni ma jikkorrispondix mal-isfidi koperti mir-rekwiżiti minimi esposti.*

**Emenda 275**
**Dominique Vlasto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Fejn dawn ikunu applikabbli,*** ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 ***jistgħu jkunu*** relatati ***biss***: | 2. Ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 ***huma*** relatati: |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*In-natura restrittiva ta’ din id-dispożizzjoni ma tikkorrispondix mal-isfidi koperti mir-rekwiżiti minimi esposti.*

**Emenda 276**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fejn dawn ikunu applikabbli, ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu relatati ***biss***: | 2. Fejn dawn ikunu applikabbli, ir-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu relatati ***b’mod partikolari, ma’***: |

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament għandu jagħti lill-korpi maniġerjali tal-port livell sinifikanti ta’ libertà li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi għall-għoti tas-servizzi.*

**Emenda 277**
**Silvia-Adriana Ţicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***it-tagħmir meħtieġ*** biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju relevanti f'kundizzjonijiet normali u sikuri u l-kapaċità li dan it-tagħmir jinżamm fil-livell xieraq; | (b) ***l-aċċess għas-servizz tal-port rilevanti u infrastrutturi għall-ħżin tat-tagħmir meħtieġa*** biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju relevanti f'kundizzjonijiet normali u sikuri u l-kapaċità li dan it-tagħmir jinżamm fil-livell xieraq; |

Or. ro

**Emenda 278**
**Dominique Vlasto, Dominique Riquet**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) mat-tagħmir meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju relevanti f'kundizzjonijiet normali u sikuri u l-kapaċità li dan it-tagħmir jinżamm fil-livell xieraq; | (b) mat-tagħmir meħtieġ biex jiġi pprovdut is-servizz portwarju relevanti ***lil kull bastiment li l-port jista' jilqa', fil-postijiet ta' rmiġġ kollha,*** f'kundizzjonijiet normali***,*** ***kontinwi*** u sikuri u l-kapaċità ***teknika u finanzjarja*** li dan it-tagħmir jinżamm fil-livell xieraq; |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Ċerti servizzi portwarji għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' universalità u ta' kontinwità, partikolarment meta jkunu ġejjin mill-eżerċizzju tal-missjoni ta' servizz pubbliku.*

**Emenda 279**
**Georges Bach**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is- | (c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is- |

| | |
|---|---|
| sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir u l-persuni tiegħu; | sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir***, il-ħaddiema*** u l-persuni tiegħu; |

Or. en

**Emenda 280**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir u l-persuni tiegħu; | (c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir u l-persuni tiegħu***, dwar id-disponibbiltà tas-servizz u dwar il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tekniċi-nawtiċi***; |

Or. en

**Emenda 281**
**Carlo Fidanza, Antonio Cancian**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir u l-persuni tiegħu; | (c) mal-konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza marittima jew is-sikurezza u s-sigurtà tal-port jew l-aċċess għalih, l-istallazzjonijiet, it-tagħmir u l-persuni tiegħu***, u dwar id-disponibbiltà tas-servizz***; |

Or. en

**Emenda 282**
**Jean-Pierre Audy**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) mal-konformità mar-rekwiżiti lokali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali dwar l-ambjent. | (d) mal-konformità mar-rekwiżiti lokali, nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali dwar ***is-soċjetà u*** l-ambjent. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi evitat id-dumping soċjali.*

**Emenda 283**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) mal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali u tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 284**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) Ir-reputazzjoni tal-applikant fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet soċjali u ta' xogħol, inkluż ir-rispett tal-ftehimiet kollettivi eżistenti u d-dispożizzjonijiet legali fir-rigward ta' saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol;*** |

Or. fr

**Emenda 285**
**Sabine Wils**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(da)(e) il-konformità mal-istandards tal-liġi soċjali u dik tax-xogħol inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tas-saħħa u l-prevenzjoni ta' inċidenti;*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dan is-suppliment huwa neċessarju, peress li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni impjegati fil-portijiet marittimi Ewropej iridu jkunu assolutament inklużi f'din ir-regolamentazzjoni.*

**Emenda 286**
**Brian Simpson**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(da) mar-reputazzjoni tajba tal-fornitur tas-servizz tal-port fir-rigward tal-applikazzjoni tal-istandards soċjali li jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza tal-impjegati u jirrispettaw id-drittijiet tax-xogħol tagħhom;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Flimkien mal-kwalifiki professjonali, it-tagħmir, is-sikurezza marittima u t-tħassib ambjentali, ir-reputazzjoni tajba fir-rigward tar-rispett tal-istandards soċjali wkoll għandu jkollha rwol meta jintgħażlu l-fornituri tas-servizzi.*

**Emenda 287**
**Corien Wortmann-Kool**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) mad-disponibbiltà tar-rekwiżiti;*** |

Or. en

**Emenda 288**
**Knut Fleckenstein, Saïd El Khadraoui, Kathleen Van Brempt**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) mar-reputazzjoni tajba tal-applikant fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol, inklużi l-applikazzjoni tal-liġijiet u l-ftehim dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza;*** |

Or. en

**Emenda 289**
**Georges Bach**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. mal-konformità mal-leġiżlazzjoni soċjali u tax-xogħol, inkluża l-applikazzjoni tal-liġijiet u l-ftehim għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza;*** |

Or. en

**Emenda 290**
**Mara Bizzotto**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-entità tal-ġestjoni tal-port imdaħħal fin-netwerk TEN-T tista' tintervjeni fis-*** |

| | |
|---|---|
| | ***sistema ta' żvilupp tal-kollegamenti tal-art mas-swieq anke b'investimenti proprji fir-realizzazzjoni ta' xogħlijiet u/jew infrastrutturi.*** |

Or. it

**Emenda 291**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu għarfien lokali speċifiku jew ftit tagħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port għandu jara li hemm aċċess adegwat għat-taħriġ relevanti, b'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji, sakemm l-aċċess adegwat għat-tali taħriġ ma jkunx iggarantit mill-Istat Membru.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa evidenti li offerta ta' servizz portwarju, b'rabta mill-qrib mas-sigurtà u s-sikurezza marittima, għandha tiżgura tali benefiċċji. F'dan ir-rigward, dan il-paragrafu mhuwiex neċessarju.*

**Emenda 292**
**Jean-Pierre Audy**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu għarfien lokali speċifiku jew ftit tagħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port għandu jara li hemm aċċess adegwat għat-taħriġ relevanti, b'kundizzjonijiet trasparenti u*** | ***imħassar*** |

***nondiskriminatorji, sakemm l-aċċess adegwat għat-tali taħriġ ma jkunx iggarantit mill-Istat Membru.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Mhijiex f'idejn il-korp maniġerjali tal-port li jiżgura li taħriġ adegwata jkun aċċessibbli għall-fornituri f'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji.*

**Emenda 293**
**Sławomir Nitras, Artur Zasada**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu għarfien lokali speċifiku jew ftit tagħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port ***għandu*** jara li hemm aċċess ***adegwat*** għat-taħriġ relevanti, b'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji, sakemm l-aċċess adegwat għat-tali taħriġ ma jkunx iggarantit mill-Istat Membru. | 4. Meta r-rekwiżiti minimi jkunu jinkludu għarfien lokali speċifiku jew ftit tagħrif fuq il-kundizzjonijiet lokali, il-korp maniġerjali tal-port ***jista'*** jara li hemm aċċess għat-taħriġ relevanti, b'kundizzjonijiet trasparenti u nondiskriminatorji, sakemm l-aċċess adegwat għat-tali taħriġ ma jkunx iggarantit mill-Istat Membru. |

Or. pl

**Emenda 294**
**Philip Bradbourn**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura għall-għoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port sal-1 ta' ***Lulju 2015*** jew għal rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal- | 5. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura għall-għoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port sal-1 ta' ***Lulju 2018*** jew għal rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal- |

| | |
|---|---|
| inqas tliet xhur qabel id-data li fiha dawk ir-rekwiżiti jsiru ***appikabbli***. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandhom jiġu mgħarrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura. | inqas tliet xhur qabel id-data li fiha dawk ir-rekwiżiti jsiru ***applikabbli***. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandhom jiġu mgħarrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura. |

Or. en

**Emenda 295**
**Silvia-Adriana Țicău**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura għall-għoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port sal-1 ta' Lulju 2015 jew għal rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal-inqas ***tliet*** xhur qabel id-data li fiha dawk ir-rekwiżiti jsiru ***appikabbli***. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandhom jiġu mgħarrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura. | (5) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura għall-għoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port sal-1 ta' Lulju 2015 jew għal rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal-inqas ***sitt*** xhur qabel id-data li fiha dawk ir-rekwiżiti jsiru ***applikabbli***. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandhom jiġu mgħarrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura. |

Or. ro

**Emenda 296**
**Georgios Koumoutsakos**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura għall-għoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port ***sal-1 ta' Lulju 2015 jew għal*** rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal- | 5. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu 2 u l-proċedura għall-għoti tad-dritt ta' forniment ta' servizzi portwarji skont dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ppubblikati mill-korp maniġerjali tal-port ***mhux iktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew,*** |

| | |
|---|---|
| inqas tliet xhur qabel id-data li fiha dawk ir-rekwiżiti jsiru ***appikabbli***. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandhom jiġu mgħarrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura. | ***fil-każ ta'*** rekwiżiti minimi applikabbli wara dik id-data, tal-inqas tliet xhur qabel id-data li fiha dawk ir-rekwiżiti jsiru ***applikabbli***. Il-fornituri ta' servizzi portwarji għandhom jiġu mgħarrfa bil-quddiem dwar kwalunkwe bidla fil-kriterji u fil-proċedura. |

Or. en

**Emenda 297**
**Peter van Dalen**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 5*** | ***imħassar*** |
| ***Il-proċedura li tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti minimi*** | |
| ***1. Il-korp maniġerjali tal-port għandu jittratta lis-servizzi portwarji bl-istess mod u għandu jaġixxi b'mod trasparenti.*** | |
| ***2. L-entità ta' ġestjoni tal-port għandhom jagħtu jew jirrifjutaw id-dritt li jipprovdu servizzi tal-port abbażi tar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont l-Artikolu 4 fi żmien xahar minn meta jirċievu talba għall-għoti ta' dritt bħal dan. Kwalunkwe rifjut għandu jiġi ġġustifkat kif xieraq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati.*** | |
| ***3. Kwalunkwe limitu fid-durata ta' deċiżjoni maħruġa skont il-paragrafu 2 jista' jkun ġustifikat biss għal raġunijiet relatati mat-tip u n-natura tas-servizz portwarju.*** | |

Or. nl

**Emenda 298**
**Karim Zéribi**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-entità ta' ġestjoni tal-port għandhom jagħtu jew jirrifjutaw id-dritt li jipprovdu servizzi tal-port abbażi tar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont l-Artikolu 4 fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu talba għall-għoti ta' dritt bħal dan. Kwalunkwe rifjut għandu jiġi ġġustifkat kif xieraq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati. | 2. L-entità ta' ġestjoni tal-port għandhom jagħtu jew jirrifjutaw id-dritt li jipprovdu servizzi tal-port abbażi tar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont l-Artikolu 4 fi żmien ***raġonevoli li ma jaqbiżx is-6 xhur*** minn meta jirċievu talba għall-għoti ta' dritt bħal dan. Kwalunkwe rifjut għandu jiġi ġġustifkat kif xieraq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha titħalla marġini akbar ta' manuvri għall-portijiet għaż-żmien neċessarju għat-trattament tal-forniment ta' servizz, mingħajr ma tiġi affettwata l-kwalità tal-forniment globali offruta mill-port.*

**Emenda 299**
**Philippe De Backer**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-entità ta' ġestjoni tal-port għandhom jagħtu jew jirrifjutaw id-dritt li jipprovdu servizzi tal-port abbażi tar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont l-Artikolu 4 fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu talba għall-għoti ta' dritt bħal dan. Kwalunkwe rifjut għandu jiġi ġġustifkat kif xieraq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati. | 2. L-entità ta' ġestjoni tal-port għandhom jagħtu jew jirrifjutaw id-dritt li jipprovdu servizzi tal-port abbażi tar-rekwiżiti minimi stabbiliti skont l-Artikolu 4 fi żmien ***xahrejn*** minn meta jirċievu talba għall-għoti ta' dritt bħal dan. Kwalunkwe rifjut għandu jiġi ġġustifkat kif xieraq fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġi rispettat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-portijiet differenti, il-korpi maniġerjali għandu jkollhom biżżejjed ħin biex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom.*